# Madonna Ta' Pinu

Sena XXVIII Vol X Nru. 140 Jannar - Marzu 2007




## Il-Verġni Marija u s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni


Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex




*Madonna Ta' Pinu*

Perjodiku ta' kull tliet xhur

**Bord Editorjali**
Dun Gerard Buhagiar (*Editur*),
Dun Mikiel Galea,
Dun Anton Refalo Rapa,
Francesco Pio Attard, Maureen Attard,
Esther Bajada, Edward Depasquale.

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*

**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
***L-Editur**, "Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan,*
*Ta' Pinu, Għarb Gozo GRB 104,*
*MALTA.*

*Tel: 2155 6187* *Fax: 2156 2350*
*E-mail: theeditor@tapinu.org*

**Abbonament għal sena:**

| | |
|---|---|
| Lokali | Lm 2.00 |
| Ewropa | Lm 5.00 |
| Barra mill-Ewropa | Lm 6.00 |
| Sostenitur | Offerta Libera |

**Ritratti tal-Qoxra**

***Quddiem:***
Kav. Paul Camilleri Cauchi,
*Il-Verġni Marija*
*u s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.*

***Wara:*** Emvin Cremona,
*Is-Sagra Familja u d-Duluri,*
Santwarju Ta' Pinu

***Disinni fil-bidu ta' kull artiklu:***
*Dettal ta' l-iskultura* - Wistin Camilleri,
u Mużajċi li jinsabu fis-*Santwarju Ta' Pinu*

***Ringrazzjament***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu,*
*Max Xuereb,*
*Archivio Foto. Marconi, Bologna, Italja.*

**stampar**
jdbprinting - tel: 2155 2219

# F'din il-Ħarġa

*Sena XXVIII Vol X Nru. 140*
*Jannar - Marzu 2007*

Il-Kelma tar-Rettur — 1
*Itlob għalina midinbin!*

Tifsira tal-Qoxra — 2

Kelmet il-Mulej: — 3
*"Marija Omm tar-Rikonċiljazzjoni"*

Ċelebrazzjoni Marjana: — 5
*Il-Verġni Marija u l-Konverżjoni tal-Qalb*

Ikellmuna s-Sinjali — 8
*Marija u s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni*

*Restawr fuq pitturi ta' Emvin Cremona* — 10

*Is-Santwarju Marjan: Oasi tal-Ħniena ta' Alla* — 12

Lectio Divina: — 14
*"Il-Ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien..." (Lq 1, 50)*

Teżori f'Kitbiethom: — 17
*Marija Omm tal-Ħniena*

Infaħħru lil Marija — 19

*Suppliment: A Marian Stamp Album - 16*

Ħsibijiet Marjani — 21
*Marija il-Mara li tilqa'*

Sliem Għalik: — 23
*Alma Redemptoris Mater*

Mid-Dinja Marjana — 26

Mill-Ħajja tas-Santwarju — 29

Mela Darba: — 30
*Taħfer lil min ried joqtolha...*

*Programm tar-Randan u tal-Ġimgħa Mqaddsa* — 33

Engl[illegible]n Corner — 34
*The Blessed Virgin Mary*
*and the Sacrament of Reconcilitaion*

Isejħulek Hienja — 36

Grazzi Madonna għax smajtni — 39

Preżentazzjonijiet — 40



## Intenzjoni ta' din il-Ħarġa

*Il-Verġni Marija*
*l-Omm tal-Ħniena*
*treġġa' lura għand Binha*
*lil dawk kollha*
*li tilfu t-triq*



# Itlob għalina midinbin!

♦ F' wieħed mill-kotba tiegħu, il-Ġeżwita (illum mejjet) Fr Anthony De Mello jirrakkonta din il-ġrajja: wieħed żagħżugħ kellu karattru diffiċli ħafna, il-kumpanija li għamilha magħha ħassritu u kulħadd kien jippriedkalu u jgħidlu: *"M'intix miexi fit-triq it-tajba...Irranġa l-karattru tiegħek...Jaqbillek tibdel ħajtek!"* Verament, dan iż-żagħżugħ ipprova jinbidel kemm-il darba, iżda qatt ma rnexxielu: kull darba kien jerġa' jaqa' għall-vizzji ta' qabel. Jum fost l-oħrajn, iltaqa' ma' tfajla li ħabbitu bis-serjeta'. Qaltlu: *"Mhemmx għalfejn tinbidel. Jien se nħobbok kif int: bid-difetti tiegħek, bin-nuqqasijiet tiegħek, bil-problemi tiegħek...anki bis-sabiħ tiegħek!"* U ħaġa ta' l-iskantament, dal-ġuvni ħa r-ruħ u beda jinbidel bil-mod il-mod, propju għax sab min ħabbu mingħajr kundizzjonijiet... Fr. Anthony De Mello jikkonkludi din il-ġrajja b' dawn il-kelmiet: *"Mulej, int hekk tħobbni, bħal din it-tfajla, mingħajr kundizzjonijiet, ninbidel jew ma ninbidilx! Iżda, Mulej, la tħobbni b' dan il-mod, jiena se ninbidel!"*

♦ Ninsabu fiż-żmien qaddis tar-Randan. Fir-randan nisimgħu l-kelma t' Alla b' aktar abbundanza, nitħeġġu biex nitolbu iżjed, biex nagħmlu xi sagrifiċċji, biex nagħtu karita'. Fir-randan il-predikaturi jgħinuna nagħrfu n-nuqqasijiet tagħna u jxandrulna l-ħniena u l-maħfra t' Alla li nistgħu niksbu bis-sagrament tar-rikonċiljazzjoni. Mhux kumbinazzjoni li din il-ħarġa ta' "Madonna Ta' Pinu" se tittratta r-rabta ta' Marija mas-sagrament tal-maħfra.

♦ Diġa` għedt, fiż-żmien tar-randan, il-predikaturi jgħinuna nagħrfu d-dnub tagħna. In-nisrani huwa midneb. Jixtieq kieku jagħmel it tajjeb, iżda jħoss fih ġibda għad dnub. Ħafna drabi jċedi għal din il-ġibda u fil-fatt jagħmel id-dnub. San Pawl, nisrani kbir, wasal biex qal: *"Ir-rieda tajba qiegħda fija, iżda li nagħmel it-tajjeb mhux hemm. Miniex nagħmel it-tajjeb li rrid, iżda qiegħed nagħmel dak li ma rridx...Inħoss din il-liġi ġewwa fija: meta rrid nagħmel it-tajjeb, ifeġġ quddiemi l-ħażin. Skond il-bniedem ta' ġewwa, togħġobni l-liġi ta' Alla; iżda nilmaħ fil-membri ta' ġismi, liġi oħra titqabad kontra l-liġi ta' moħħi u tjassarni taħt il-liġi tad-dnub li hemm ġo ġismi. Imsejken bniedem li jien! Min se jeħlisni minn dan il-ġisem tal-mewt?"* (Rumani 7, 18-24)

♦ Mill-banda l-oħra, il-predikaturi tar-randan jagħmlulna enfasi fuq il-ħniena u fuq il-maħfra t'Alla. Alla jħobbna bi mħabba tal-ġenn u għamilna x' għamilna Huwa jibqa' jħobbna. Bħal dik it-tfajla ta' l-istorja li taċċetta lill-ġuvni tagħha hu kif inhu, bis-sabiħ u b' dak inqas sabiħ

tiegħu, anki jekk jibqa' ma jinbidilx! Fl-ewwel ittra tiegħu, San Ġwann jgħidilna: *"U hawn qegħda l-imħabba; mhux għax aħna ħabbejna lil Alla, imma għax ħabbna Hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna." (4, 10)* Ikompli jgħidilna San Ġwann fl-istess ittra tiegħu: *"Uliedi, dan qiegħed niktibulkom biex ma tidinbux; imma jekk xi ħadd jidneb, aħna għandna Difensur quddiem il-Missier, lil Ġesu` Kristu, il-ġust. U hu jħallas għal dnubietna, mhux għal tagħna biss, iżda wkoll għal dawk tad-dinja kollha." (2, 1-2)*

♦ Meta kien fid-dinja, dan Ġesu' ppriedka l-konverżjoni u l-maħfra tad-dnubiet, tħabbeb mal-midinbin u ħafrilhom dnubiethom, bata u miet għall-midinbin kollha tad-dinja...waqqaf is-sagrament tal-qrar biex ikompli jaħfrilna dnubietna.

♦ X'għandha x'taqsam Marija mal-maħfra tad-dnubiet, mas-sagrament tal-qrar? Marija hija omm ħanina. Hekk insejħulha fit-talba tas-*Salve Regina*: "*o ħanina, o pija, o ħelwa verġni Marija!*" Lilna midinbin tixtieq tarana rikonċiljati m'Alla, magħna nfusna u ma' l-oħrajn. Kif nindirizzawha fil-litanija, hija "*l-kenn tal-midinbin*".

♦ Marija, "*idħol għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna!*" ●

*Dun Mikiel Galea*
*Rettur tas-Santwarju*



# Tifsira tal-Qoxra

*Mill-ġdid nirringrazzjaw lill-Kav. Paul Camilleri Cauchi li għoġbu jagħtina din il-pittura oriġinali li ġiet maħduma esklussivament għar-Rivista Madonna Ta' Pinu.*

Ninsabu fil-qalba tar-Randan Mqaddes, żmien li fih il-Knisja tistedinna biex nitfgħu ħarsitna fuq Kristu. Kristu l-uniku medjatur bejn Alla u l-bniedem, ġie fostna u bil-passjoni,mewt u qawmien tiegħu ħabbibna mill-ġdid mal-Missier. Fi Kristu dehret fostna l-Imħabba ta' Alla l-Missier.

Is-suġġett li qed nitrattaw f'din il-ħarġa huwa: **"Il-Verġni Marija u s-Sagrament tal-Qrar"**, is-sagrament tar-rikonċiljazzjoni, sagrament li permezz tiegħu nerġgħu nitħabbu mill-ġdid ma' Alla. Il-qoxra turi lil Kristu Msallab u lill-Verġni Marija imħaddna miegħu, waqt li in-naħa ta' isfel jidher penitent li qed jirċievi l-maħfra tad-dnubiet minn għand is-saċerdot.

Titlu sabiħ li bih spiss insejħu lill-Madonna huwa dak ta': "**Omm tal-Ħniena**". Marija hija l-omm tal-Ħniena, għaliex minnha twieled ir-Redentur tal-bniedem, Kristu Ġesu` Sidna li xerred demmu fuq is-salib għal maħfra tad-dnubiet. Kif ukoll hija Omm tal-Ħniena għaliex il-Verġni Marija kienet hemm preżenti fuq il-Kalvarju, fil-mument li Binha qed joffri ħajtu għall-maħfra tad-dnubiet. Illum Marija għadha u tibqa' tistieden lil kull wieħed minna biex nersqu lejn Binha biex induqu il-benna tal-ħniena ta' Alla. Dan kollu wieħed jiksbu, meta niedem minn dnubietu, jersaq fi ħdan il-Knisja, u minn għand is-saċerdot jirċievi s-sagrament tal-Ħniena ta' Alla, il-Qrar. Marija kontinwament tidħol għalina quddiem it-tron ta' Alla, u titlob għalina midinbin, mhux biss issa, iżda anke fis-siegħa tal-mewt tagħna, biex nitħabbu ma' Alla.

*L-Editur*
*d.Gerard Buhagiar*

# Kelmet il-Mulej

minn Mons. Lawrenz Seiberras



## Marija Omm tar-Rikonċiljazzjoni

Minħabba s-sehem sħiħ, dirett u mifhum li kellha Marija f'ħajjitha u speċjalment waqt l-aħħar mumenti tal-fidwa tagħna miksuba minn Binha Ġesu` hemm fuq il-Kalvarju (Ġw 19,25) Marija tissejjaħ u hi tassew omm tar-rikonċiljazzjoni. Din il-verita' teoloġika tidher l-aktar fi tlitt mumenti ta' ħajjet Marija. L-ewwel meta ġiet imħabbra minn Alla fil-ġnien tal-Għeden, it-tieni waqt it-tħabbira li għamlilha Gabriel fid-dar tagħha Nażaret, u t-tielet u l-aqwa mument waqt il-mewt ta' binha fuq s-salib.

### Imħabbru mill-bidu

Qabel ma nidħlu biex nippruvaw din il-ħaġa, sewwa li ngħidu xi tfisser il-kelma "rikonċiljazzjoni". Forsi t-tifsira sħiħa ta' din il-kelma hija li issir "il-paċi u l-għaqda mill-ġdid". Immela dan ifisser issewwi, tħabbeb lill-miġġeldin, tressaq u tqarreb lejn xulxin. Iżda r-rikonċiljazzjoni trid isseħħ fil-fond tal-qlub daqs kemm hi l-firda fil-fond tal-qlub. Ix-xewqa għar-rikonċiljazzjoni, l-istess rikonċiljazzjoni, ikunu sħaħ u jseħħu tassew daqskemm jaslu biex ifejqu l-ġerħa tal-bidu li minnha ħarġu l-ġrieħi l-oħra kollha - id-dnub.

B'dan il-ħsieb f'moħħna, ħsiebna jmur dritt fil-ġnien tal-Għeden, fejn l-ewlenin ġenituri ma għaddewx mill-prova li għamlilhom Alla, kisru l-kmand ċar li kellimhom dwaru Alla u daħħlu d-dnub bil-konsegwenzi koroħ marbutin miegħu. Kien f'dan il-waqt li Alla ried issa isewwi mela jirrikonċilja u jħabbeb mill-ġdid it-tiċrita li għamlu Adam u Eva. Dan sar billi l-istess Alla, wara l-kastigi jwiegħed ukoll il-feddej, ir-rikonċiljatur. Dan kellu jkun Ibnu stess, mela Ġesu'. Għaliex kif jgħallem Santu Wistin; la darba d-dnub sar direttament lil Alla, kellu jkun Alla ieħor li jirrepara u jirrikonċilja din il-ħsara.

Issa huwa propju hawn li tidħol bil-qawwa kollha Marija omm Ġesu' dak li kellu jirrikonċilja l-bniedem ma' Alla. U f'din il-missjoni ta' rikonċiljazzjoni kien hemm bżonn ukoll l-għajnuna ta' din l-omm speċjali, unika daqskemm qaddisa. Il-preżenza ta' din l-omm qiegħda mniżżla fil-profezija hekk imsejħa tal-Protovanġelu. "*U jien inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek rasek u int tisħaqlu għarqubu*" (Ġen 3,15). F'din il-profezia "il-mara" hawn imsemmija, li aktar 'il quddiem nafu li saret Marija, x-xebba ta' Nazaret li se taħdem flimkien ma' Binha biex isseħħ mill-ġdid ir-rikonċiljazzjoni bejn Alla u l-bniedem.

Matul il-mixja tas-snin bosta artisti ħarġu għad-dawl din il-verita' fl-opri tagħhom. Hekk fil-kor tal-knisja ta' San Nikola ta' Bresson, Eva u Marija, t-tnejn qegħdin taħt is-siġra tal-ħajja.

Ħdejn Eva hemm is-serpent u hija qiegħda tilqa' l-frotta pprojbita u fl-istess waqt tqassamha lill-bnedmin oħra; hekk dawn isiru mortali. Minn naħa l-oħra hemm Marija qiegħda tqassam l-ostji lin-nies; dan huwa l-veru rigal t'Alla lin-nies ġusti. Ftit bogħod minn ommu Marija, hemm Kristu li huwa l-veru ħobż tal-ħajja. Mela fil-Għeden din il-mara ġiet mħabbra biex taħdem għar-rikonċiljazzjoni tal-bniedem m'Alla. Dan il-ħsieb kien iva għadu 'l bogħod, pero' isir realta' mal-mixja taż-żmien.

## Ix-Xebba ta' Nażaret

Dak li ġie mħabbar fl-Għeden fejn il-"mara" kellha s-sehem tar-rikonċiljatriċi, issa se iseħħ tassew. Il-ġrajja titwettaq fid-dar ta' Marija f'Nażaret. San Pawl jgħid hekk: "*Kollox ġej minn Alla li ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu u tana l-ministeru ta' din il-ħbiberija tal-bnedmin ma' Alla*" (2 Kor, 5,18). U sabiex issir tassew din ir-rikonċiljazzjoni, Kristu libes il-ġisem tagħna l-bnedmin. "S*agrifiċċju u offerta int ma ridtx, imma ĠISEM int ħejjejt għalija; vittmi maħruqa u vittmi għad-dnubiet lilek ma għoġbukx. Jien imbagħad għedt: Hawn jien, ġejt*" (Lhd 10,5-6). U minn fejn se iġib dan il-ġisem biex aktar 'il quddiem joffrih bħala vittma olokawst safja lil Alla? Hekk it-tweġiba fil-pożittiv tax-Xebba Marija. "*Ara, jien il-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek!*" (Lq 1,38). Għalhekk Santu Wistin mar jgħid: "*Il-ġisem ta' Kristu huwa l-ġisem ta' Marija, u d-demm ta' Kristu huwa d-demm ta' Marija*".

Mela Marija bħal Binha Ġesu` u flimkien miegħu, ħadet sehem sħiħ u attiv fil-missjoni ta' rikonċiljazzjoni tagħna l-bnedmin ma' Alla. Marija saret tassew "*strument ta' rikonċiljazzjoni tad-dinja*". San Bernard fir-raba omelija tiegħu dwar il-missjoni ta' Ġesu' jgħid li l-IVA ta' Marija serviet biex tkun strument den tar-rikonċiljazzjoni tad-dinja kollha.



## Fuq il-Kalvarju

Iżda mkien daqs kemm fuq il-Kalvarju Marija ma wriet u għamlet kemm tassew hija dak l-istrument den li serva biex flimkien ma' Binha, il-bnedmin jirrikonċiljaw ruħhom ma' Alla. L-ewwel prova u li minnha mbagħad joħorġu l-konklużjonijiet l-oħra kollha marbutin mar-rikonċiljazzjoni huma l-kliem ta' l-evanġelista nnifsu x-xhud okulari ta' dak kollu li kien qed jiġru hemm fuq il-Golgota. "*Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesu` ommu*" (Ġw 19,25). Eżeġetikament il-kelma "wieqfa" tfisser ħafna; Marija kienet qiegħda tassisti fuq il-kalvarju b'mod dirett u konxju. Marija flimkien ma' Binha kienet qed tirrikonċilja l-bnedmin ma' Alla. Hekk kien ħabbrilha Xmun: "*U inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek*" (Lq 2,35). U dan is-sejf deher fl-aqwa tiegħu hekk fuq il-Kalvarju. Mela fuq il-Kalvarju kien hemm żewġ artali li minn fuqhom il-vittmi kienu qegħdin jintemmu u dan biex jirrikonċiljaw, iħabbu u jqarrbu mill-ġdid il-bniedem lejn Alla. Dawn ż-żewġ artali huwa il-ġisem ta' Ġesu` u l-ieħor il-qalb ta' Marija.

B'ħarsitha mixħuta fuq il-pjagi ta' Binha, Marija kienet tikkuntemplahom, u fl-istess waqt tieħu sehem fil-martirju ta' Binha. Hija qatt ma beżgħet mill-qattiela tiegħu. L-Iben imdendel mas-salib, l-omm toffrih lill-persekuturi. Ħarbu l-appostli, u hija kienet qiegħda quddiem is-salib fil-waqt li tikkontempla bil-ħarsa tenera tagħha l-feriti ta' Binha. F'dak il-waqt Marija kienet qed tammira mhux le l-mewt ta' Binha imma r-rikonċiljazzjoni u s-salvazzjoni.

Ġesu` l-vittma, żgur li tħasseb ħafna jara 'l ommu tbati; s-sofferenzi ta' qalbha waslu tassew fl-ogħla grad. Imma b'dan il-mod suprem ta' Ġesu` flimkien ma' dak ta' Marija, ir-rikonċiljazzjoni seħħet u seħħet tassew. Bir-raġun għalhekk li Marija mhux biss tissejjaħ, imma tassew hi Omm tar-rikonċiljazzjoni. ●




mill-Kappillan Nazju Borg

# Il-Verġni Marija u l-Konverżjoni tal-Qalb

**Daħla**

F'din iċ-ċebrazzjoni penitenzjali nixtiequ nuru li s-sagrament tal-qrar huwa esperjenza tal-ħniena u l-imħabba t'Alla. Huwa stedina għar-ritorn għand il-missier. Is-sagrament tal-qrar huwa festa ta' l-imħabba t'Alla. Is-sagrament tal-qrar huwa esperjenza ta' relazzjoni bejn il-missier u l-iben, u mhux tant bejn l-imħallef u l-akkużat. Dan is-sagrament Ġesu` waqqfu mhux biex nirċievu darba f'ħajjitna, iżda billi huwa mediċina nistgħu nirċevuh ta' spiss. Is-sagrament tal-qrar huwa mediċina kontra d-dnub.

**Ċelebrant:** Il-Grazzja u l-paċi ta' Alla l-Missier u ta' Kristu Ġesu` Sidna, li twieled mill-Verġni Marija, li ta ħajtu għalina, li ħasilna minn dnubietna b'demmu, u li ġeddidna bid-don ta' l-Ispirtu s-Santu.

**Kulħadd:** Ikun imbierek il-Mulej għal dejjem.

**Ċelebrant:** Nitolbu, ibagħat fuqna, o Mulej, l-Ispirtu s-Santu, li qaddes lill-Verġni Marija, biex tippurifika permezz tal-penitenza lil qalbna u tbiddilha f'sagrifiċċju li jogħġob lilek: fil-ferħ ta' ħajja ġdida nfaħħru dejjem l-isem qaddis u ħanin tiegħek. Bi Kristu Sidna. Amen.

## Liturgija tal-Kelma

*L-Ewwel qari:*

**Qari mill-ktieb tal-Profeta Iżaija** 55, 6-11.

Fittxu l-Mulej sakemm tistgħu ssibuh, sejħulu sakemm hu fil-qrib! Ħa jħalli triqtu l-midneb, u l-bniedem il-ħażin fehmietu; ħa jerġa' lura għand il-Mulej u jħenn għalih, għand Alla tagħna għax hu jaħfer ħafna.

Il-fehmiet tiegħi m'humiex fehmietkom, u triqati m'humiex triqatkom, oraklu tal-Mulej. Għax daqs kemm huma ogħla s-smewwiet mill-art, daqshekk ieħor huma triqati 'l fuq minn triqatkom, u l-fehmiet tiegħi mill-fehmiet tagħkom. Bħalma x-xita u silġ jinżlu mis-smewwiet u ma jerġgħux lura mnejn ġew bla ma jsaqqu l-art, imma jġegħluha tnissel u tnibbet, u tagħti ż-żerriegħa 'l min jiżra' u l-ħobż 'il min jiekol, hekk jiġri minn kelmti: hija toħroġ minn fommi, u ma terġax lura vojta, imma tagħmel dak li jogħġob lili, u ttemm dak li nkun bgħattha tagħmel.

Il-Kelma tal-Mulej.

**Salm Responsorjali:** *Salm 18.*

R/.: **Mulej int biss għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem.**

Nħobbok, Mulej, qawwa tiegħi!
Il-Mulej blata tiegħi, frotizza u ħellies tiegħi,
Alla tiegħi, sur tal-kenn tiegħi u tarka tiegħi,
Qawwa tas-salvazzjoni tiegħi u kenn tiegħi! R/.

Mwieġ tal-mewt ħakmuni,
widien tal-biża' werwruni,
ħbula ta' l-imwiet dawruni,
xbiek tal-mewt inqaleb fuqi R/.

Fl-hemm tiegħi lill-Mulej sejjaħt,
tlabt l-għajnuna 'l Alla tiegħi;



D Ghirlandaio, *Omm tal-Ħniena*

hu sama' leħni mit-tempju tiegħu,
f'widnejh waslet l-għajta tiegħi. R/.

*It-Tieni qari:*

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin**

4, 25-32

Ħuti, Warrbu minnkom il-gideb u għidu l-verita' wieħed lill-ieħor, għax aħna membri ta' xulxin. Tinkurlaw? Imma tidinbu; tħallux ix-xemx tgħib fuq il-korla tagħkom, u tagħtux il-wisa' lix-xitan. Iqis il-ħalliel li ma jisraqx aktar; imma jaħdem bl-onesta b'idejh biex ikun jista' jgħin lil min ikun fil-bżonn. Ebda kelma mhux xierqa m'għandha toħroġ minn fommkom, imma kliem sewwa li jedifika skond il-ħtieġa, kliem li jagħmel il-ġid lil min jisimgħu. U tnikktux l-Ispirtu s-Santu ta' Alla, li fih intom issiġillati għal jum il-fidwa. Mrar, saħna, korla, tagħjir, għajjat, dan kollu warrbuh minnkom, u wkoll kull ħażen ieħor. Kunu twajba ma' xulxin, ħennu għal xulxin, aħfru lil xulxin, bħalma Alla ħafer lilkom fi Kristu.

Il-Kelma tal-Mulej.

*Versett ta' qabel il-Vanġelu:*

**Glorja u tifħir lilek Kristu. Glorja...**
Henjin dawk li jisimgħu l-Kelma t'Alla
u jħarsuha.
Imbierka int, Vergni Marija, li torbot qalbek
mar-rieda t'Alla.
**Glorja u tifħir lilek Kristu.**

**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa** 8,19-21.

F'dak iż-żmien; ġew għalih, ommu u ħutu, iżda ma setgħux jersqu lejh minħabba l-folla. Xi ħadd qallu: "Ommok u ħutek qegħdin hawn barra u jridu jarawk. Iżda hu weġibhom: "Ommi u ħuti huma dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jagħmlu li jgħid Hu."

Il-Kelma tal-Mulej.

**Omelija** *jew* **mument ta' skiet.**

## Liturġija Penitenzjali

*Invokazzjonijiet lill-Verġni Marija:*

**Ċelebrant:** Biex inkunu denji li nirċievu l-ħniena divina nersqu lejn l-omm ta' l-akbar ħniena biex tidhol għalina.

**Poplu:** Frott il-ħniena tiegħek il-bieb jinfetaħ, Omm t'Alla l-aktar

imbierka! Nittamaw fik żgur li ma' nitilfux it-triq, għaliex int l-għajnuna biex neħilsu mill-ħażen, u salvazzjoni żgura ta' l-insara.

**Ċelebrant:** Niffissaw ħarsitna lejn Ġesu`, li tana l-eżempju, biex nimxu fuq il-passi tiegħu, lilu nressqu t-talbiet tagħna, bl-umilta` u bil-fiduċja għaliex hu jeħlisna mill-ħażen u jġġeddidna bl-ispirtu tal-Vanġelu.

**Poplu:** Ikollok ħniena minna Mulej

**Ċelebrant:** Mulej Ġesu` Kristu, inti għidt: "Henjin il-fqar fl-ispirtu ghax taghhom hija s-saltna tas-sema", iżda aħna wisq miġbuda u marbuta mal-ġid ta' l-art, saħansitra ssagrifikajna l-valuri tal-ispirtu. Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja...

**Poplu:** Ikollok ħniena minna Mulej.

**Ċelebrant:** Mulej Ġesu` Kristu, inti għidt: "Henjin ta' qalbhom ħelwa għax huma jkollhom bħala wirthom l-art", iżda aħna ngħixu fil-firda bejnietna u d-dinja hija mimlija bi vjolenza u gwerra. Ħaruf ta' Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja...

**Poplu:** Ikollok ħniena minna Mulej.

**Ċelebrant:** Mulej Ġesu` Kristu int għidt: "Henjin dawk kollha li huma bil-ġuħ u bil-għatx tal-ġustizzja, għax ikunu mxebbgħa", iżda aħna ftit għandna xewqa tiegħek, int li int l-għajn tal-qdusija, aħna ftit li xejn tinteressana l-ġustizzja individwali u soċjali. Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja...

**Poplu:** Ikollok ħniena minna Mulej.

**Ċelebrant:** Mulej Ġesu` inti għidtilna: "Henjin dawk li jġibu l-ħniena għax isibu l-ħniena", iżda aħna niġġudikaw ħafna lill-proxxmu u lanqas nafu naħfru lil ħutna. Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja...

**Poplu:** Ikollok ħniena minna Mulej.

*Kulħadd jinżel għarkubbtejh u flimkien mas-sacerdot jgħid:*

Nistqarr lil Alla li jista' kollox...

*Wara sir il-qrar individwali. Waqt il-qrar jistgħu jinqraw is-Salmi penitenzali jew background music. Meta jispiċċa l-qrar jingħata s-sinjal tal-Paċi lil xulxin, bħala turija tar-rikonċilazzjoni ma' Alla u bejnietna.*

**Ċelebrant:** Għax Alla ħares b'mod patern u ħanin lejn il-miżerja tagħna u ġeddidna bil-grazzja tiegħu, ejjew f'sens ta' radd il-ħajr inkantaw il-Magnificat, għax Alla wera ħnientu magħna.

**Kant tal-Magnificat**

***Talba ta' għeluq:***

**Ċelebrant:** O Alla fil-kobor tal-ħniena tiegħek, minn midinba bdiltna fi bnedmin ħielsa, u mid-dwejjaq tad-dnub għaddejtna għall-ferħ ta' ħajja ġdida, kun magħna bil-qawwa ta' l-Ispirtu tiegħek għaliex issa li rċivejna minn għandek id-don tal-maħfra, nipperseveraw sal-jum tal-Mulej. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

**Poplu:** Amen.

***Barka tas-saċerdot.***

***Ejja u sib il-mistrieħ f'riġlejn il-Madonna Ta' Pinu, u ħalli lil Mulej ikellmek.***

***Is-Santwarju Ta' Pinu qed joffri l-lokali tiegħu għal dawk kollha li jixtiequ jagħmlu ġurnata rtir, inkluż l-ikla ta' nofsinhar***

**Jekk tixtieq aktar informazzjoni, ċempel 2155 6187**



# Ikellmuna s - Sinjali

minn P. Anton Farrugia, ofm

## Marija u s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni

Permezz tas-sagramenti tal-bidu tal-ħajja nisranija (magħmudija - konfermazzjoni - ewkaristija), aħna nirċievu ħajja ġdida fi Kristu (2 Kor 4, 7). Imma din il-ħajja ta' wlied Alla tista' tiddgħajjef u saħansitra tintilef bid-dnub. Issa l-Mulej Ġesu` ried li l-Knisja bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu tkompli l-missjoni tiegħu ta' salvazzjoni permezz tas-sagrament tal-qrar għall-maħfra tad-dnubiet.

Il-kelma *qrar* ġejja mill-kelma *nistqarr* għax f'dan is-sagrament, l-ewwel u qabel xejn aħna nistqarru t-tjieba tal-Mulej li fil-ħniena kbira tiegħu jaħfrilna dnubietna u jerġa' jħabbibna mill-ġdid miegħu u bejnietna. Minn hawn ġej li dan is-sagrament jissejjaħ ukoll tar-rikonċiljazzjoni li tidher l-aktar meta jiġi ċelebrat b'mod komunitarju bis-smigħ tal-Kelma t'Alla u l-omelija.

L-istqarrija tad-dnubiet tibqa' waħda privata bejn is-saċerdot u l-penitent. Imma wara jista' jsir xi att komunitarju ta' radd il-ħajr lil Alla li jista' jkun il-kantiku evanġeliku ta' Marija. Infatti wara d-dnub tan-nisel, il-grazzja kellha l-bidu tagħha fil-Verġni Mbierka li ġiet immnissla mingħajr tebgħa tad-dnub biex tkun għamara xierqa għall-Iben t'Alla magħmul bniedem.

Fil-Knisja jeżistu żewġ prinċipji, dak li nistgħu nsejħulu *petrin* li jmexxi permezz tal-ġerarkija u l-ministeri u l-prinċipju *marjan.* Marija hija l-mara tar-rikonċiljazzjoni *per eċċelenza* li tagħmel minna lkoll, irġiel u nisa ta' rikonċiljazzjoni.

Semmejna s-smigħ tal-Kelma t'Alla li m'għandu qatt jonqos anqas meta s-sagrament tar-rikonċiljazzjoni jiġi ċelebrat b'mod privat. F'dan il-każ, meta ma jkunx l-istess saċerdot li jintroduċi l-qrara bil-qari tal-Kelma t'Alla, il-penitent għandu jagħmel dan waħdu, qabel jersaq quddiem is-saċerdot.

It-tħabbira tal-Kelma tista' ssir ukoll permezz tal-*PA System* filwaqt li n-nies jkunu qegħdin jistennew biex iqerru. Dan joħloq ambjent tajjeb li jgħin biex dan is-sagrament - li anke meta jsir privatament

huwa ċelebrazzjoni liturġika vera u propja - jiġi ċelebrat b'dinjita` li tistħoqqlu u jħalli l-frott.

Il-Verġni Marija hija u tisma' l-anġlu Gabrijel ikellimha, tifhem minn hu Alla u tifhem aktar lilha nfisha. Dan hu l-misteru ta' kull min iqiegħed lilu nnifsu quddiem il-Kelma t'Alla u jismagħha bis-serjeta`.

Is-smiegħ tal-Kelma t'Alla jieħu fit-tul; f'dan is-sens hemm bżonn li nibqgħu nisimgħu l-Kelma biex niftakruha. Li tibqa' tiftakar dak li tkun smajt huwa wieħed mill-atteġġjamenti fundamentali tar-rikonċiljazzjoni. Il-bniedem jikber bħala persuna għax kapaċi jisma' u jiftakar.

Din hija l-karatteristika tal-Madonna li San Luqa jgħidilna li *kienet toqgħod taħseb bejnha u bejn ruħha* fuq dak li kienet tkun rat u *żżomm f'qalbha* kull ma kienet tkun semgħet (Lq 2, 18-19. 51-52).

Issa fl-isforz li aħna nagħmlu biex nisimgħu l-Kelma t'Alla, bħal Marija li kibret fil-fidi tagħha, aħna wkoll nikbru fil-fidi bħala l-ġisem ta' Kristu li hu l-Knisja, *illi s-setgħat ta' l-infern ma jgħelbuhiex* (Mt 15, 18).

Permezz ta' l-assoluzzjoni sagramentali li s-saċerdot jagħti *fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu* jinħafru d-dnubiet, skond is-setgħa li Kristu ta lill-Appostlu tiegħu Pietru meta qallu: *Kull ma torbot fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet u kull ma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet* (Mt 16, 19) u lill-Appostli l-oħra miġbura flimkien wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet: *Id-dnubiet ta' dawk li taħfru jkunu maħfura* (Ġw 20, 22).

Għalhekk is-sagrament tal-qrar jissejjaħ ukoll is-sagrament tal-maħfra; d-don l-iżjed perfett li l-Mulej Ġesu` jagħti minn fuq is-salib lill-umanita` midinba. Dan id-don inissel fina lkoll, il-kapaċita` li rroddu lura dak li rċevejna. Kristu ħabbna u miet għalina fuq is-salib, meta konna għadna midinbin.

F'dan is-sens, il-maħfra ta' dnubietna trid tissarraf filli aħna *naħfru lil min hu ħati għalina* għaliex kif jgħidilna Ġesu` fl-Evanġelju tiegħu, jekk aħna ma naħfrux minn qalbna lil ħutna lanqas il-Missier ma jaħfer lilna dnubietna ( ara Mt 6, 15).

Ir-rikonċiljazzjoni tagħna ma' Alla u ma' ħutna l-bnedmin li sseħħ fina permezz tal-maħfra tad-dnubiet tnissel fina sliem u ferħ. Saħansitra s-smewwiet jifirħu! Kristu stess qalilna li jkun hemm ferħ quddiem l-anġli ta' Alla għal midneb wieħed li jindem (ara Lq 15, 10).

Għan-nisrani, dan il-ferħ jissarraf f'festa li tibda fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-qrar u tkompli fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament l-ieħor ta' l-ewkaristija. Il-festa hija wkoll riżultat tas-smigħ tal-ħwejjeġ kbar li l-Mulej jagħmel magħna l-bnedmin.

F'dan is-sens nistgħu ngħidu li Marija hija l-iskola tal-festa ta' l-umanita` mifdija. Jekk aħna nidħlu fil-kelmiet tal-kantiku tagħha, aħna nifhmu x'jiġifieri poplu f'festa, poplu li jagħraf il-kobor tal-Mulej, li jħares lejn ix-xejn tiegħu u jagħmel minn dan ix-xejn, realta` kapaċi tnissel qawwa, sbuħija, sewwa.

Il-Magħmudija hija *l-ewwel post ta' konverżjoni* fejn aħna lkoll naqilgħu l-maħfra ta' dnubietna kollha u d-don ta' ħajja ġdida. It-*tieni post* hija l-Knisja li fis-sagrament tal-qrar tilqa' lura fi ħdanha l-midinbin.

Jekk fil-binja tal-knisja, l-fonti tal-magħmudija huwa sinjal tal-ġuf tal-Knisja-omm, li bħal Marija twelled ulied ġodda fi Kristu; nistgħu ngħidu li l-imkien tal-qrar (*il-konfessjonarju*) huwa l-post fejn Ommna l-Knisja mqaddsa, bħal Marija, l-Omm l-aktar ħanina, tħaddan magħha lil uliedha u tħabbibhom mill-ġdid ma' Alla fi Kristu.

Għaldaqstant, tkun ħaġa xierqa li l-konfessjunarji fil-knisja jitqiegħdu x'imkien qrib il-fonti tal-magħmudija biex ikunu sinjal li jidher tal-maħfra li aħna nirċievu għall-ewwel darba fl-ilma tal-magħmudija u matul ħajjitna, kull darba li wara li nkunu waqajna fid-dnub, nerġgħu nqumu biex nibdew ħajja ġdida fi Kristu, permezz tas-sagrament tal-qrar. ●

# Restawr fuq pitturi ta' Emvin Cremona fis-Santwarju ta' Pinu

*mir-restawratur Godwin Cutajar*


*Rit. 1*

## Storja u Teknika:

Il-pitturi huma dawk tal-Madonna u San Ġwann taħt is-Salib (daqs tat-tilar 130cm X 97.5cm) u tas-Sagra Familja (daqs tat-tilar 130cm X 96cm rit.1). Il-pitturi huma magħmula fuq it-tila b'żebgħa li probabli għandha ż-żejt bħala legant. It-tila hi t'għamla ndustrijali, bi preparazzjoni lewn abjad u fina ħafna. Huma maħdumin b'velaturi opaki, b'impasti ta' żebgħa fil-partijiet ċari. L-istrat pittoriċi (preparazzjoni u żebgħa) huma tant fini li n-nisġa tat-tila għadha tidher fuq il-pittura. Il-pitturi m'humiex iffirmati u anqas fihom is-sena li fiha saru.

L-isfond tal-pitturi huwa miżbugħ bil-porporina. Fil-pittura tal-Madonna u San Ġwann taħt is-Salib, l-isfond l-ewwel inżebagħ bl-isfar, imbagħad ngħatat il-porporina fuqu. Dan forsi għax l-artist jipprova joħloq xi effett ġdid, jew jista' jkun ukoll biex l-isfond jidher iktar liebes meta ngħatat il-porporina.

Il-pittura tas-Sagra Familja għandha n-numru "64" miktub bil-lapes fuq id-dijadema ta' Kristu (rit. 2). Mhux ħafif li wieħed igħid min u għalfejn kiteb dan in-numru u anqas meta. It-trasparenza fid-dettall tas-sħab (rit. 3) jista' jkun effett speċjali, jew inkella "pentiment" għax fil-muzajk ma jidhirx.

Mill-bqija l-pitturi ma jidhirx li fihom xi "pentimenti" oħra u anqas li kellhom xi nterventi ta' konservazzjoni u restawr qabel dan preżenti.

## Stat ta' Konservazzjoni:

Dawn iż-żewġ pitturi m'humiex fi stat ħażin ta' konservazzjoni. Għalkemm it-tila tilfet mill-elasticita` tagħha u fiha xi taqtiegħ żgħir, toqob u ksur, jidher li għadha tiflaħ iġġorr il-materja pittorika. Il-pittura "Sagra Familja" tilfet irqajja ta' preparazzjoni mill-isfond (bil-porporina b'kollox), u mit-tila żejda fit-tarf (li tħalliet biex il-pittura tkun tista' tinġibed rit. 4).


*Rit. 2*


*Rit. 3*


*Rit. 4*

GRAZZI LIL BANK OF VALLETTA LI QED JIFFINANZJA

Iż-żewġ pitturi mbagħad għandhom irqajja ta' żebgħa li waqgħu minn mal-preparazzjoni u ntilfu ("Sagra Familja" rit. 5), iżda kollox ma' kollox l-istrati pittoriċi għadhom imqabbda tajjeb flimkien u mas-support tat-tila. Minħabba li kienu mramblin u jista' xi darba ġie mpoġġi fuqhom xi piż tqil, il-tila u ż-żebgħa għandhom xi ksur tul l-assi li kienu mrambla fuqu. In-naħa ta' wara l-pitturi fihom it-trab u xi tiben; dan it-tiben jista' ġie min ippakkjahom.



## Konservazzjoni u Restawr:

Id-dahar tal-pitturi ġie mfarfar b'pinzell mit-trab u t-tiben. L-integrita` strutturali tal-pitturi għadha aċċettabli; kellhom bżonn biss xi nterventi lokalizzati. Partijiet dgħajfa fit-tila bħal ksur, toqob jew taqtigħ żgħir ġie msaħħah b'konsolidant termoplastiku. Xi deformazzjonijiet superfiċjali li fihom ma tantx jagħtu fil-għajn, u għalhekk kull waħda ġiet miġbuda fuq tilar tal-injam b'gonot espandibli bil-kavilji; "Madonna u San Ġwann taħt is-Salib" inġibdet fuq tilar b'perimetru dejjaq għax ma kellux burdura ta' tila wiesgħa biżżejjed għall-ġbid.

In-naħa l-impittra ġiet imnaddfa b'sistema mekkanika u kimika; in-numru "64" fis-"Sagra Familja" tħalla hemm bħala parti mill-istorja tal-pittura u għax ma tantx jidher. Il-mili tal-partijiet nieqsa taż-żebgħa sar bħall-pitturi ta' qabilhom, jiġifieri ġew mimlija b'żebgħa tal-varniċ b'konsistenza ta' velaturi opaki, u l-partijiet nieqsa fl-isfond dehbi ġew mimlija b'taħlita ta' żebgħa tal-varniċ b'konsistenza ta' velaturi trasparenti ftit iżjed ċara mill-kuntest ("a sotto tono"). Hekk kull pittura tidher iktar magħquda (ara qoxra ta' wara). Xi partijiet fejn il-preparazzjoni wkoll kienet nieqsa ġew l-ewwel mimlija bi stokk għax kienu fondi ("Sagra Familja").

Dan ix-xogħol ta' konservazzjoni u restawr sar bejn Frar u Ottubru 2006.

## Konservazzjoni Preventiva:

Il-pitturi konservati u restawrati għandhom jiġu osservati kull 6 xhur fuq quddiem kif ukoll fuq wara ħalli jekk maż-żmien jidher fihom xi dannu, jiġi trattat qabel ma tikber il-ħsara. ●



Rit. 5





R-RESTAWR TA' DAWN L-OPRI TA' L-ARTI TA' EMVIN CREMONA



# Is-Santwarju Marjan: Oasi tal-Ħniena ta' Alla

minn Dun Gerard Buhagiar

**Daħla**

F'dawn il-ftit versi nixtieq naqsam magħkom xi riflessjonijiet dwar is-Santwarji Marjani, li huma *"oasi ta' mistrieħ għal dawk li jfittxu l-ħniena ta' Alla"*. U minħabba f'hekk nixtieq li niskopru flimkien il-valur li għandu s-Santwarju Marjan u l-Pellegrinaġġi lejh. Dawn ir-riflessjonijiet ser ikunu bbażati fuq dak li nsibu fid-"**Direttoriju dwar il-Pjeta' Popolari u Liturġija**" li ħareġ mill-Vatikan fis-sena 2002.[1]

## A. Is-Santwarju u l-Pellegrinaġġ

Id-Drittu Kanoniku meta jiġi biex jitkellem mis-Santwarji jgħidilna li *"Fis-santwarji, jiġu offruti lill-fidili b'mod l-aktar abbondanti l-mezzi tas-salvazzjoi, tiġi mxandra bil-qima kollha l-Kelma ta' Alla, jiffavorixxu s-sehem fil-Ħajja liturġika, b'mod speċjali fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija u fiċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Penitenza, kif ukoll jgħinu biex iħarsu l-forom approvati tad-devozzjoni popolari."*[2] Mela s-santwarju huwa l-post mill-aktar addattat biex il-bniedem jiltaqa' ma' Alla, biex fil-ħemda u s-skiet tas-santwarju l-bniedem iduq l-benna tal-Ħniena ta' Alla. Ġewwa is-Santwarju, 'l bogħod mill-istorbju tal-ħajja ta' kuljum, il-pellegrin jagħmel esperjenza ta' Alla. Għaliex kif naqraw f'diversi Salmi,[3] Alla għażel dawn il-postijiet u qaddishom bil-preżenza tiegħu u minnhom jixħet kull xorta ta' barka spiritwali fuq uliedu u fl-istess ħin jgħinhom fil-mixja tal-qdusija lejn is-Santwarju tas-Sema, ħalli "ikunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba".[4] Kull pellegrinaġġ li jsir lejn is-Santwarju jrid ifakkarna kontinwament li l-ħajja tagħna hija mixja lejn Alla, mixja ta' konverzjoni u mixja lejn is-Sema pajjiżna.

- **Kristu Rxoxt huwa s-Santwarju per eċċellenza,** hekk tgħallem it-Teoloġija Kristjana. L-episodju tal-preżentazzjoni ta' Ġesu` fit-tempju li insibu f'Luqa 2, 21-46 jurina biċ-ċar dan li qed ngħidu. Fit-Tempju, il-binja li fiha jgħammar Alla, insibu it-Torah, il-Kelma ta' Alla u li fih insibu l-profeziji li kollha seħħew fi Kristu. Kristu, il-Kelma ta' Alla li saret bniedem fil-ġuf tal-Verġni Marija, jiġi mdaħħal fit-tempju biex jieħu post l-istess tempju. Il-bniedem jiltaqa' ma' Alla fi Kristu u mhux aktar fit-tempju tal-ġebel, magħmul minn idejn il-bniedem. Alla jsalva lill-bniedem permezz ta' Ibnu stess li jġib l-isem ta' **Ġesu`**, li jfisser dak li *"jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom"*.[5] Wara l-ġrajja tal-preżentazzjoni ta' Ġesu`, Luqa jagħtina l-ġrajja ta' meta Marija u Ġuzeppi jitilfu lil Ġesu`. U fejn isibuh? Fit-tempju jgħallem, u b'dan il-kliem iwieġeb lil Ommu: *"Ma tafux li jiena għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?"*[6]
- **Il-Kristjan huwa tempju ta' Alla.** Madwar Kristu, tinġabar il-komunita` tad-dixxipli, ta'

dawk li jemmnu u ġew mgħammda fi Kristu, u hekk il-Knisja ssir id-dar ta' Alla. Araw x'jgħidilna San Pietru: "Esqu mela, lejh, li hu dik il-ġebla ħajja magħżula minn Alla bħala ġebla għażiża. U intom ukoll, bħal ġebel ħaj, inbnew f'dar spiritwali, saċerdozju qaddis, biex toffru sagrifiċċji spiritwali li jogħġbu 'l Alla permezz ta Ġesu` Kristu".[7] L-istess jgħidilna l-appostlu tal-ġnus: "Fih (fi Kristu), il-bini kollu jintrabat sewwa, jitla' f'tempju qaddis fil-Mulej, fih, intom ukoll fl-Ispirtu tinbnew flimkien f'dar fejn jgħammar Alla."[8]

Nafu l-ewwel komunitajiet insara ma kellhomx knejjes biex fihom huma jitolbu, iżda kienu jiltaqgħu fid-djar, għand familji diversi, minn ġimgħa għall-oħra. Dawn il-djar ingħatalhom l-isem ta' *Domus Ecclesia.*[9] Maż-żminijiet in-numru ta' dawk li jemmnu beda jikber u għalhekk inħasset il-ħtieġa li jinbnew il-knejjes biex fihom il-komunita' tinġabar biex titlob. Il-bini tal-Knisja għandu mela valur simboliku. It-tempju ħaj ta' Alla jibqgħu dejjem l-imgħammdin fi Kristu u għalhekk ilkoll ġejna midluka biż-żejt tal-griżma: "Ma tafux li intom tempju ta' Alla, u li l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom? Jekk xi ħadd jeqred it-tempju ta' Alla, Alla jeqred lilu. Għax qaddis hu t-tempju ta' Alla, li huwa intom."[10] Il-binja tal-ġebel mela trid tfakkarna li aħna tempju ħaj ta' Alla u li Alla għammar fostna kif naqraw fl-Iskrittura: "Din hija l-għamara ta' Alla mal-bnedmin; u hu jgħammar magħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħu, u Alla nnifsu jkun magħhom, Alla tagħhom."[11]

### B. Is-Santwarju Marjan

Minn meta fuq il-għolja tal-Kalvarju Kristu offra lil Ommu lil Ġwanni biex tkun din issa ommu u ommna, Ġwanni "ħadha għandu", ħadha f'daru mhux biss bħala ommu iżda fuq kollox bħala għalliema spiritwali. Nistgħu ngħidu li valur simboliku tas-Santwarji Marjani huwa dan: dawn il-postijiet huma "l-iskola ta' Marija" fejn l-ulied jinġabru fi ħdan ommhom u minn għandha jitgħallmu kif għandha jitgħallmu jgħixu ta' veri ulied ta' Alla, dixxipli ta' Kristu. Marija l-ewwel Tempju Ħaj ta' Alla, mis-santwarji tagħha tkompli tibnina f'tempji ta' Alla.

Id-direttorju li semmejna fil-bidu, jgħidilna li s-Santwarju huwa:

- **Il-Post tal-Ġabra u s-Skiet,** ġeneralment is-Santwarji jinsabu mibnija fuq xi għolja jew f'postijiet imwarrba, bogħod mill-irħula u l-ibliet. Biex nidħol fis-Santwarju jeħtieġ li nimxi lejh, inħalli warajja l-istorbju ta' l-ibliet u nimxi f'pellegrinaġġ lejn dan il-post. Hemm fis-skiet tas-Santwarju l-bniedem isib il-mistrieħ tiegħu u jintebaħ li Alla jitkellem fis-skiet! Fis-santwarju Marjan il-pellegrin bħal Marija fis-skiet jisma' l-Kelma ta' Alla li lilu tiġi mwassla f'kull ċelebrazzjoni. Bħal Marija huwa msejjaħ biex jilqa' din il-kelma u jgħixha.

Anke t-talba tar-Rużarju hija talba bibblika u jeħtieġ li tingħad bil-kalma u fis-skiet kif heġġiġna l-Papa Ġwanni Pawlu II bl-ittra tiegħu: *Rosarium Virgini Mariae.* Ma ninsewx il-kelmiet ta' Ġesu`: "intom u titolbu toqogħdux tlabalbu bħall-pagani, dawn mingħalihom li, iktar ma jgħidu,iktar jinstemgħu. Tkunux bħalhom għax Missierkom jaf x'teħtieġu qabel ma titolbuh intom."[12]



ikompli f'paġna 25



# Lectio Divina

minn Dun Alex Refalo

## "Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu"

(Lq 1, 50)

### LECTIO

**(Il-Qari u l-Ispjegazzjoni tal-Kelma)**

+ **"Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien"** Marija qed tħares lejn il-ġrajjiet tal-poplu tagħha. Hija u tifli mument b'mument l-istorja permezz tal-memorja, qed tkompli tikkontempla u tikkonferma l-imħabba kbira t'Alla. Mument partikolari fl-istorja jinsab fil-ktieb ta' Ġuditta. Oliferne *"ordna lill-eżerċitu tiegħu kollu u n-nies li kienu ngħaqdu miegħu għall-gwerra biex jitilqu lejn Betulja... u jaħbtu għall-Iżrealin"* (Ġud 7,1)... *"Ulied Iżrael sejħu lill-Mulej, Alla tagħhom, għaliex bdew jaqtgħu qalbhom billi l-għedewwa tagħhom kienu dawruhom minn kullimkien, u ħadd ma sata' jaħrab minn ġo nofshom. In-nies ta' Betulja naqsitilhom il-ħażna kollha ta' l-ilma, il-ġwiebi xxuttaw u ma kienx fadlilhom għal jum wieħed biss"* (v.19-21)... *"U lkoll flimkien fil-ġemgħa nfexxew f'biki kbir, u bdew jitolbu u jgħajtu b'leħen qawwi quddiem il-Mulej Alla. Għużżija qalilhom: 'Agħmlu l-qalb, ħuti, nżommu għal ħamest ijiem oħra; sakemm il-Mulej iħenn għalina, għax Hu ma jitlaqna qatt għal kollox'"* (v.29-30). Il-poplu mjassar Alla jħenn għalih u jeħilsu permezz ta' Ġuditta. Oliferne jirrappreżenta kull tip ta' xkiel li l-bniedem jiltaqa' miegħu.

Wara li sab ruħu meħlus minn sitwazzjonijiet oħra diffiċli seta' jitlob b'din it-talba ta' radd il-ħajr: *"Inroddlok ħajr, Mulej, sultan tiegħi, u nfaħħrek, Alla Salvatur tiegħi, inrodd ħajr lil ismek, għaliex int sirt kenn u għajnuna għalija, u fdejtli 'l ġismi mit-telfien... Quddiem dawk li daru għalija kont ta' għajnuna għalija u fdejtni, skond il-kobor tal-ħniena u l-isem tiegħek, minn snien dawk li kienu lesti li jqattgħuni, minn idejn dawk li kienu jfittxu li joqtluni... min-nar madwari li kien jifgani, u minn qalb ħuġġieġa li ma qabbadthiex jien...Dawruni minn kull naħa, u ma kienx hemm min jgħinni: ħarist biex xi ħadd jagħtini l-għajnuna, imma ma kienx hemm min. Imma ftakart fil-ħniena tiegħek, Mulej; fl-għemejjel tiegħek fiż-żmien ta' dari"* (Sir 51, 1-4.7-8a). Bħalma kien jagħmel il-poplu ta' Iżrael, Marija qed tħares lura u tirrifletti fuq il-ħniena li Alla wera mal-poplu tagħha.

Hija l-istess ħniena li hu kapaċi juri fil-mument preżenti ta' l-istorja.

Kull sitwazzjoni ta' jasar tirrapreżenta d-dnub. Il-bniedem quddiem il-miżerja tiegħu jaf li *"ħadd ma jista' jifdi lilu nnifsu, jew jagħti lil Alla l-prezz tal-fidwa tiegħu"* (Salm 49,8). Jaf ukoll li Alla biss jista' jħenn għalih. Għalhekk jgħid: *"Ħa jħalli triqtu l-midneb, u l-bniedem il-ħażin fehmietu; ħa jerġa' lura għand il-Mulej u jħenn għalih, għand Alla tagħna għax hu jaħfer ħafna."* (Is 55,7). Il-piż tad-dnub jinbidel f'tama: *"Aktar milli l-għassiesa s-sebħ, jistenna Iżrael lill-Mulej! Għax għand il-Mulej hemm it-tjieba, u l-fidwa għandu bil-kotra. Hu li jifdi lil Iżrael minn ħtijietu kollha"* (Salm 130,7-8); *"Għax int, Sidi, twajjeb u taħfer, kollox tjieba għal kull min isejjaħlek. F'jum in-niket tiegħi nsejjaħlek, għax inti żgur twieġibni"* (Salm 86,5-7). Bir-ragun Pawlu huwa u jagħraf l għoli u l fond ta' l-imħabba t'Alla lejh jistqarr: *"Min se jifridna mill-imħabba ta' Kristu? It-taħbit, id-dwejjaq, il-persekuzzjoni, il-guħ, l-għera, it-tiġrib, ix-xabla?"* (Rum 8,35). Dan il-kliem setgħet tgħidu bil-quddiem il-*"mimlija bil-grazzja"* (Lq 1,28).

Il-memorja tal-ħniena t'Alla speċjalment meta kien isib ruħu taħt it-toqol tad-dnub, issir talba mimlija fiduċja fil-ħniena t'Alla: *"Ikollox ħniena minni, o Alla, fi tjubitek; fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti."* (Sal 51,3); *"Madankollu, Mulej, int missierna; aħna t-tafal, u inti l-fuħħari; aħna lkoll għemil idejk. la tinkurlax iżżejjed, Mulej; la tiftakarx fil-ħażen tagħna għal dejjem. Ara, ħares, aħna lkoll il-poplu tiegħek."* (Is 64, 7-8).

Iktar ma l-poplu ta' Iżrael kien iduq minn din il-ħniena, iktar kien jirrepeti iktar kien jirrepeti minn qalbu dan l-innu: *"Roddu ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu."* (107,1); *"Faħħru l-Mulej, għaliex hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu! Ħa jgħidu dawk li jibżgħu mill-Mulej: Għal dejjem it-tjieba tiegħu."* (118,1.4).

✣ **"dawk li jibżgħu minnu"** Għandu l-biża' tal-Mulej dak li jaf bid-djgħufijiet tiegħu u għalhekk joqgħod attent li ma joffendix lil Alla u jitlef il-ħbiberija tiegħu miegħu: *"Dawk li jibżgħu mill-Mulej ma jiksrux kelmtu, u dawk li jħobbuh iħarsu triqtu. Dawk li jibżgħu mill-Mulej iħejju ruħhom, u quddiemu jċekknu ruħhom"* (Sir 2,15.17). Dan kien l-atteġġjament ta' Marija, tant li tistqarr li Alla *"xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu"* (Lq 1,48). Kienet tgħix ir-relazzjoni tagħha ma' Alla b'rispett kbir lejh. Fil-ġrajja tat-tħabbira narawha attenta biex tisma' dak li Alla jrid jgħidilha. Permezz tal-qaddej tiegħu Gabriel: *"Min minnkom jibża' mill-Mulej, ħa jisma' l-kelma tal-qaddej tiegħu."* (Is 50,10).

Il-ħniena infinita ta' Alla miftuħa għal kulħadd, *"Għax Alla ħalla 'l kulħadd fil-jasar tad-diżubbidjenza, biex jagħmel ħniena ma' kulħadd."* (Rum 11,32), jista' jilqagħha biss min għandu fih l-biża' ta' Alla. Hekk ġara lill-ħalliel imsejjaħ *'it-tajjeb'*. Waqt li qed jagħraf l-imħabba kbira ta' Kristu u fl-istess waqt id-dnub tiegħu, qed jersaq b'dik id-delikatezza u rispett quddiem il-misteru. Jasal jitbaxxa u jgħid: *'Ġesu' ftakar fija meta tidħol fis-Saltna tiegħek.' U Ġesu' wieġbu: 'Tassew ngħidlek, illum tkun fil Ġenna miegħi.'"* (Lq 23,42-43). Dan kien possibbli għax *"Qrib hi s-salvazzjoni tiegħu għal dawk li jibżgħu minnu."* (Sal 85,10). Iseħħ tassew dak li jgħid is-salmista: *"Ara, għajnejn il-Mulej fuq dawk li jibżgħu minnu, fuq dawk li jittamaw fit-tjieba tiegħu."* (Sal 33,18). Il-biża' t'Alla jiftaħ il-bieb tal-ħniena infinita tiegħu.

Alla tant jieħu ġost b'min għandu dan il-biża' tiegħu, b'min jirrispettah u b'min iħobbu, li jipprovdilu kull ġid u hena: *"Hieni kull min jibża' mill-Mulej, kull min jimxi fit-triqat tiegħu! Mix-xogħol ta' idejk inti tiekol; hieni int, u riżqek tajjeb! Jalla tara wlied uliedek!"* (Sal 128, 1-2.6). Dan il-bniedem ikollu wkoll il-meħtieġ għall-ħajja: *"Hu jagħti l-għixien lil min jibża' minnu."* (Sal 111,5) u jimtela bil-kuraġġ quddiem is-sitwazzjonijiet diffiċli tal-ħajja: *"Min għandu l-biża' tal-Mulej minn xejn ma jibża'; u ma jaqtax qalbu, għax il-Mulej it-tama tiegħu."*

(Sir 34,14). Anzi jekk isib ruħu mxekkel il-Mulej jeħilsu: *"L-anġlu tal-Mulej jgħasses madwar dawk li jibżgħu minnu, u jeħlishom."* (Salm 34,8). Marija hija u tlissen din is-sentenza: *"Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu"*, qed tirrakkonta l-istorja tagħha. Iktar ma qed tgħix fil-biża' t'Alla, iktar setgħet tara kemm Alla huwa ħniena magħha.

Dan it-tip ta' biża' mhuwiex xi ħaġa li ttaqqal il-qalb, xi ħaġa ta' dwejjaq! *"Il-biża' tal-Mulej hu glorja u foħrija, hu ferħ u kuruna ta' hena. Il-biża' tal-Mulej iferraħ il-qalb, u jnissel ferħ, hena u ħajja twila. Min jibża' mill-Mulej imur tajjeb fl-aħħar jiem, u jkun imbierek f'jum mewtu... Il-milja ta' l-għerf hu l-biża' tal-Mulej, u jxebba' l-bnedmin bil-frott tiegħu. Jimlielhom darhom kollha b'dak li tixtieq qalbhom, u l-imħażen tagħhom bil-frott li jnissel."* (Sir 1,11 13.16 17).

## MEDITATIO
### (Nara Alla x'irid jgħidli permezz tal-Kelma)

- Bħal Marija mmur lura lejn xeni mill-passat biex nara fihom il-ħniena li Alla wera miegħi jew fi ġrajjiet marbuta ma' l-istorja tiegħi. Iktar ma nsib sitwazzjonijiet bħal dawn, iktar ser tikber il-konvinzjoniji ta' mħabbtu lejja.
- Hemm xi ħaġa bħalissa li qed ittaqqal lil qalbi, jew timla l-ħsibijiet ta' moħħi? Ninsab għaddej minn xi sitwazzjoni partikolari? Forsi xi dnub? U jekk il-poplu ta' Iżrael, il-poplu ta' Marija kien kapaċi jsib it-tama tiegħu fil-ħniena t'Alla, x'tixtieqni nagħmel illum Marija?
- Ilni ma nersaq lejn is-sagrament tar-rikonċiljazzjoni, is-sagrament tal-qrar bi preparazzjoni serja? Kif tista' il-*Lectio* ta' llum tħejjini biex inkun nista' tassew niċċelebra l-maħfra ta' Alla?
- Hemm xi kelma jew ħsieb li laqatni waqt il-qari tal-*Lectio*? Nagħmel bħal Marija li qagħdet *"taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet tfisser"* dik *"it-tislima"* li l-Mulej qed jagħmilli.

## ORATIO
### (Nibda nitkellem m'Alla bil-għajnuna ta' l-istess Kelma)

- Quddiem il-ħniena bla tarf ta' Alla nipprova nara n-nuqqasijiet u d-dnubiet tiegħi. Nersaq bihom lejh, f'atteġġjament ta' rispett u qima. Nagħmel it-talba tal-ħalliel it-talba tiegħi: *"Mulej ftakar fija..."* u noqgħod nirrepetiha. Waqt li qed nagħmel dan nipprova nisma' dak li Alla qed jgħidli: l-istess bħalma dan il-midneb ipprova jisma' t-tweġiba ta' Kristu.
- Il-ħniena ta' Alla tittieħed bħal marda kontaġġjuża. Dak li jirċeviha jsir hu ħanin. Għalhekk Marija fit-talba tal-Litanija tissejjaħ *"Omm il-ħniena"!* Jekk nara li hemm sitwazzjonijiet fejn qed inwebbes qalbi biex inħobb jew biex naħfer, nitlobha lil din *"Omm il-ħniena"* biex fil-ħniena tagħha tgħallimni nkun ħanin. Nitlobha wkoll biex ikolli fija dik l-hena, dik il-paċi f'qalbi mogħtija lil dawk li juru ħniena: *"Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena."* (Mt 5,7).

## CONTEMPLATIO
### (Nidħol f'relazzjoni ta' mħabba ma' Alla)

- Wara li flimkien ma' Marija stajt nara l-kobor tal-ħniena t'Alla, imiss issa li noqgħod nikkontempla f'atteġġjament ta' stagħġib u nkanta l-*Manjificat* tiegħi.

## ACTIO
### (X'ser nagħmel biex nibda ngħix din il-Kelma)

- Id-don tal-biża' Alla u tal-ħniena tiegħu fija ma jistgħux iħalluni kif jien. Dak Alla li qatt ma jinbidel irid li jiena ninbidel. Is-sinjali fija ta' din il-bidla huma r-radd il-ħajr tiegħi lejh ●



# Teżori f'Kitbiethom

mill-Arċipriet Carmelo Refalo

## Marija Omm tal-Ħniena

"***Id-devozzjoni li l-iktar togħġob lil Marija hija l-maħfra u l-ħniena.***" (San Ġwann Damaxxenu)

X'inhu s-sehem li għandha Marija fir-rikonċiljazzjoni tal-bniedem ma' Alla? Il-Knisja tal-bidu tħaddan numru sabiħ ta' xhieda b'tagħlim awtorevoli li jolqot ħafna nies partikularment waqt il-predikazzjoni, liema tagħlim juri teoloġija u pastorali mill-iktar prezzjużi. San Pawl fit-Tieni Ittra lill-Korintin 5: 20 jgħid lill-ewlenin insara: "*Nitlobkom fl-isem ta' Ġesu` għamlu ħbieb ma' Alla.*" Din l-istedina għall-indiema ntlaqet mill-Missirijiet tal-Knisja biex jagħtu tagħlim dwar il-maħfra u l-ħniena ta' Alla. Ma naqasx pero` r-riferiment għal Marija fil-pjan tas-salvazzjoni u r-rikonċiljazzjoni.

Fl-1987 il-Kongregazzjoni tal-kult divin bagħtet orjentamenti pastorali marbuta mas-sena Marjana. B'riferiment għas-sagrament tal-penitenza nsibu dan li ġej: "*It-tagħlim u l-ħsieb nisrani jindika progressivament ir-rwol tal-Verġni Mbierka fil-mixja tal-konverżjoni tad-dixxipli tal-Mulej, liema mixja turi l-bżonn tas-sagrament tal-penitenza bħala tarġa essenzjali għar-rikonċiljazzjoni.*" (n. 32)

Ta' min ifakkar li fit-talba ta' l-Ave Marija l-midneb jitlob bl-interessjoni tal-qaddisa Marija Omm ta' Alla u filwaqt li jdur lejha bħala l-mimlija bil-grazzja (Lq. 1:38), bl-interċessjoni tagħha jitlob indiema u maħfra quddiem Alla.

Xi padri tal-Knisja jsejħu lil Marija "*strument tar-rikonċiljazzjoni tad-dinja*"[1] jew "*il-mara li tgħaqqad bil-maħfra l-univers*"[2]. Dan minħabba li l-ewwel rikonċiljazzjoni li għaqqdet lil Alla mal-bniedem saret f'Marija. F'din il-mara nsibu l-għerq u l-pedament tar-rikonċiljazzjoni minħabba li "*Marija hi l-għarusa li permezz tagħha, aħna sirna ħbieb ma' Alla, l-għarus tagħha*".[3]

Ir-raħeb u l-Isqof **San Fulġenzju minn Ruspe** (+532) jispjega li l-kawża ta' l-Inkarnazzjoni kienet il-maħfra tad-dnubiet u Marija hi dik li turina d-don tar-rikonċiljazzjoni f'Alla: hi welldet iben li ngħata l-isem ta' Ġesu` minħabba li jifdi l-poplu tiegħu minn ħtijietu, "*U x'ifisser issalva mid-dnubiet jekk mhux taħfer il-ħtijiet?*"[4]

**Romano Il Melode** (+560) jikkontempla lil Marija bħala ħabbara tal-ħniena divina. Jimmaġina li qed jisma' lil Ġesu` li minn fuq is-salib jafda dawn il-kelmiet lil Ommu Marija: "*sikket, ġewwa fik ja Omm, sikket id-dulur biex timxi fil-ferħ. Jien inħaffef biex inwettaq ir-rieda ta' dak li bagħatni. Sa mill-bidu l-intenzjoni tiegħi, tal-Missier u ta' l-Ispirtu s-Santu kienet li*

*nsir bniedem u nbati biex nerfa' lill-midneb imwaqqa'. Ħaffef u iġri, ja Omm biex tagħti l-Bxara t-Tajba lil kulħadd: bil-passjoni tiegħu egħleb darba għal dejjem lill-għadu ta' Adam u wasal rebbieħ l-Iben tiegħi li hu Alla."* [5]

Dan it-tagħlim Bibbliku u Teoloġiku tal-missirijiet tal-Knisja jinbena fuq il-fatt li l-insara dejjem emmnu il-Verġni Mbierka kollha kemm hi qaddisa fil-glorja takkumpanja lin-nisrani fil-mixja penitenzjali.

**Sant'Anselmu, Isqof ta' Aosta** għandu tagħlim Teoloġiku mill-aktar sabiħ: *"ma teżisti l-ebda rikoniljazzjoni jekk mhux dik li int bħala Verġni l-aktar safja nissilt: ma teżisti l-ebda ġustifikazzjoni jekk mhux permezz tal-ġust li inti ġarrejt f'ġufek: ma teżisti l-ebda salvazzjoni jekk mhux dik li int Verġni Mbierka tajt bħala d dawl tad-dinja. O Sinjura tassew int l-Omm tal-ġustifikazzjoni u ta' dawk li ġew ġustifikati, tajt il-ħajja lir-rikonċiljazzjoni u lil dawk li ġew rikonċiljati, Omm tas-salvazzjoni u ta' dawk li ġew salvati."* [6]



Kav. Paul Camilleri Cauchi, *Omm tal-Ħniena,* Dettal tal-qoxra

L-Innu *Akathistos* miktub minn **San Ġerman minn Kostantinopli** (+733) fih tagħlim marbut ma' din l-Omm kenn u refuġju tal-midinbin "*Kull ġurnata inti tifrex idejk biex tagħti l-għajnuna lil dawk li jkunu qed jegħrqu mit-toqol ta' dnubiethom. Għat-talb tiegħek kull darba li nsejħu l-isem tiegħek inti xxerred u ġġib fix-xejn l-assalti ta' l-għedewwa kontra l-qaddejja tiegħek. Inti teħles minn kull tiġrib u minn kull tentazzjoni lil dawk li jsejħulek O Immakulata għax inti stess tweżinhom bit-talba tiegħek ta' Omm."* [7]

Dawn ix-xhieda storiċi li ppreżentajna f'rabta mal-Knisja tal-bidu huma stedina biex ngħaqqdu flimkien il-ħniena u l-interċessjoni ta' Marija li twassalna għand Ġesu` biex miegħu u fih insibu r-rikonċiljazzjoni tagħna. ●

**Riferenzi**

1 Sant' Andrea minn Kreta, *Oratio* V: PG 97, 896.
2 Sant' Efrem, *Sermo* III, 576.
3 Sant' Efrem, *Oratio ad Deiparam*, III, 528.
4 *De remissione peccatorum*, 4, 1.
5 *Innu* 40: 14.
6 Anselmo di Aosta, *Oratio* II: PL 158, 951.
7 San Ġerman ta' Kostantinopli, *Homilie in Dormitionem*: PG 98, 340.



# Infaħħru lil Marija

### mill-Gym Talb Madonna Ta' Pinu

*L-Innu Marjan li l-Gym talb qed ipoġġi għar-riflessjoni tagħna huwa "Ħares l-umanita`". Dan l-innujinsab fis-CD MAGNIFICAT Vol. 3 u jista jinkiseb mis-Santwarju Ta' Pinu jew mil-Lument Christi Media Centre, ir-Rabat Għawdex.*

Marija mhux biss għandha post speċjali fil-glorja tas-sema, iżda kif jgħallimna l-Konċilju Vatikan II, hija "tinsab magħquda, man-nisel ta' Adam, mal-bnedmin kollha; anzi hija tassew l-Omm tal-membri kollha ta' Kristu" (LG 53). F'dinja fejn il-bniedem qed:

- Jitlef l-orjentament tal-ħajja,
- Jitlef is-sbuħija tal-grazzja
- U jagħżel li jgħix fid-dlam u fil-kaos
- Fejn qed jingħalaq fl-egoiżmu tiegħu

Jidher ċar li l-bniedem għandu bżonn l-għajnuna ta' din l-Omm tas-Sema. Dan għaliex Marija hija:

- Il-mimlija bil-grazzja
- It-Tempju ħaj li fih jgħammar Alla
- Dik li tfittex lil kull min jiżbalja
- Dik li ddawwal triq il-midneb bid-dawl ta' Kristu.

Għalhekk jeħtieġ li ta' kuljum nersqu fi ħdanha u nitolbuha:

***"Marija ħares, ħares 'l-Umanita` ħa jiddi fuq id-dinja d-dawl ta' Alla".***

# Ħares l-Umanita`

Versi u Mużika:
*Roberto Bignoli, Edizioni PAMI*

Arranġament għall-Malti:
*Victoria Camilleri*




Marija mimlija bil-grazzja,
Sbuħija, qdusija, virtu`,
Għaliex, int ġibtilna 'l Kristu,
Bħalek mhemmx ebda mara oħra.
Marija, quddiem Alla, prezzjuża,
Int tgħallimna x'inhi l-imħabba
Imħabba, vera, sinċiera,
Ha tinżel il-barka tiegħek
fuq kollha l-umanita`.

Marija, tempju ta' Alla
Ilqajt lill-Iben ġo ġufek,
Int tfittex lil kull min jiżbalja
U tmexxih sabiex jerġa' lura.
Marija, kolonna mdawla
Ixegħlilna lil triqtna mudlama
Isqina mill-ilma tal-ħajja
Ghax għadna mhux ilkoll
Qed ngħixu fil-verita`.

Marija, O bieb tas-sema,
Marija, O fwieħa rżina
Agħmel li fejnek għad naslu
Ġewwa l-ġenna biex miegħek ingawdu,
U nifirħu bir-rebħa qaddisa,
Fuq din id-dinja mitlufa fid-dlamijiet.
Jiddi d-dawl fuqha, id-dawl ta' Alla
Marija, ħares, ħares l-umanita`.

Marija mimlija bil-grazzja,
Marija int ħaġra prezzjuża,
Marija tempju ta' Alla
Marija kolonna mdawla
Fuq din id-dinja mitlufa fid-dlamijiet
Jiddi d-dawl fuqha, id-dawl ta' Alla
Marija, ħares, ħares 'l-umanita`.

# Special Hand Stamp Cancellations




## Friuli Stamp Exhibition
## Hand Stamp 1990







## Christmas Hand Stamp 1990



# Special Hand Stamp Cancellations with Marian Connection

## *1988*

**'MILIED - 5.11.88 MALTA L-EWWEL JUM TAL-ĦRUĠ'**
**(Christmas - 5.11.88 Malta First Day of Issue)**

A set of three Christmas Stamps was issued on 5TH November 1988. The stamps in silhouette style was designed by Ray Gauci. The Hand stamp cancellation used for the set's first day of issue was kept in style of the stamp design. It is a double ring circular handstamp with the figures of Mary and Joseph in the centre.All post offices in Malta and Gozo were provided with such hand stamp, with their village or town's name inscribed there.

## *1990*

**'ŻJARA TAL-Q.T. IL-PAPA ĠWANNI PAWLU II**
**SANTWARJU TA' PINU**
**VICTORIA-GOZO-MALTA 28-V-1990'**
**(Visit of H.H. Pope John Paul II**
**Ta' Pinu Sanctuary**
**Victoria-Gozo-Malta 28-V-1990)**

The year 1990 will always remain in the hearts of Maltese and Gozitans as a most blessed year in our history. This was the year that after almost 2000 years of Christianity, Christ representative on earth set foot for the first time on Maltese and Gozitan soil. The Great and Saintly Pope of the Madonna paid our Country a three-day visit starting from the 25 May 1990. On the 28th May it was our little island's fortunate turn to welcome this Apostle. It was impossible for such a devotee of Mary as H.H. Pope John Paul II, not to visit Her in the National Shrine of Ta' Pinu. This happened on 28th May 1990. Here he prayed in silence.

For this unique occasion the Malta post Office issued this special commemorative hand stamp from its Victoria Branch. It does not bear any image of our Lady, but depicts a design of the Basilica/ Shrine of 'Ta' Pinu'.

## 1990

**'SAN DANIELE DEI FRIULI**
**26-28 X 1990**
**VALLETTA MALTA'**

This Special hand stamp was issued to commemorate the participation of the Malta Post Office in the 'San Daniele dei Friuli Stamp Exhibition' in Italy.

It was in use from the Valletta Post Office for the duration of the exhibition from the 26th to 28th October 1990.

The hand stamp shows the Holy Family, St. Joseph and the Blessed Virgin Mary holding Baby Jesus.

## 1990

**'MILIED 1990**
**L-EWWEL JUM TAL HRUG**
**10-XI-90**
**MALTA**
**(Christmas 1990 First Day of Issue 10-xi-90 Malta)**

To cancel the 1990 Christmas set of stamps on its First Day of Issue, The Malta Post Office issued this special Hand stamp on 10 November 1990. It is in the form of a crib with the figures of the Holy Family in the middle. As usual all post offices in Malta and Gozo were provided with this hand stamp, inscribed with the village or town's name. The postmark was used for one day.

The set consisted of three stamps depicting parts of three different cribs built by Maltese Artists, members of the 'Għaqda Ħbieb tal-Presepju' Friends of the Crib Society).

*Anthony Grech*

*References*
*The Malta Stamp,* Official Bulletin of the Philatelic Bureau.

# Special Hand Stamp Cancellations




## Christmas Hand Stamp 1988







## John Paul II Visit 1990



## Ħsibijiet Marjani



**mill-ktieb**
**ta' l-Isqof Don Tonino Bello**
**miġburin minn A.C.M.**




# Marija il-Mara li Tilqa'

"*Marija l-mara li tilqa'*" hija espressjoni li nsibuha fl-Konċilju Vat II. Espressjoni qasira, imma fiha x'tomgħod. It-test tal-Konċilju jgħid li fit-Tħabbira ta' l-anġlu, il-Verġni Marija "*Laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb t'Alla*" (LG...)

Marija laqgħetu f'Qalbha u f'Ġisimha.
Għalhekk kienet Dixxiplu u Omm ta' Kristu.

**A. Dixxiplu**

- Marija kienet dixxiplu għax semgħet u tat widen għall-Kelma t'Alla u għożżitha f'qalbha għomorha kollu.

**B. Omm**

- Għax offriet il-ġuf tagħha lill-Verb t'Alla,
- Laqgħetu u żammitu fi ħdanha għal disa' xhur. Sant Wistin jasal biex jgħid li Marija kienet akbar għax laqgħet il-Kelma f'qalbha, milli għax laqgħetu fil-ġuf tagħha.

**Ikona:** Kemm hi sabiħa l-ikona ta' Marija msejħa **"Il-Madonna ta' l-Akkoljenza"** b'dirgħajha miftuħa 'l fuq, f'atteġġjament ta' Offertorju. Hi tagħti merħba minn qalbha, tilqa' għandha l-Kelma. Marija hija simbolu ta' Ospitalita`.

## TIFSIRA

### Laqgħetu f'Qalbha

- Warrbet il-pjanijiet tagħha biex tat spazju għall-Pjanijiet t'Alla.
- Offriet bil-qalb l-ispirtu tagħha, biex il-Kelma t'Alla trabbi l-għeruq u taħdem fiha.
- Ħalliet lill-Mulej jagħmel l-għamara tiegħu f'ruħha.

### Laqgħetu f'Ġisimha

- Ħasset il-piż fiżiku tat-tarbija li kienet fil-ġuf tagħha ta' Omm.
- Addattat r-ritmu ta' ħajjitha ma' dak tat-tarbija li kienet qed iġġorr fi ħdanha.
- Iddedikat il-jiem tagħha ta' tqala għat-tarbija tagħha.

U billi l-frott imbierek tal-ġuf tagħha kien il-Verb t'Alla li ħa l-ġisem għall-fidwa tal-bnedmin, hi fehmet, li bħal ulied l-oħra ta' Eva hi wkoll, ta' bniedma li hi, trid tħallas l-prezz tad-dmugħ.

### Merħba lil Kulħadd

Hi laqgħet lill-Verb t'Alla. Dan kien l-istil ta' Marija. U mhux darba laqgħet għandha lill-bnedmin, iżda eluf ta' drabi li dwarhom il-Vanġelu ma jsemmi xejn.

### Marija qatt ma rrifjutat lil ħadd.

- Kulħadd sab kenn taħt il-mant tagħha.
- Ibda mill-ġirien u spiċċa mill-ħbieb antiki ta' Nażaret
- Ibda minn nies Ġużeppi u spiċċa fil-ħbieb ta' Binha
- Ibda mill-foqra ta' dawk in-naħat u spiċċa fil-pellegrini li jkunu għaddejjin minn dawk l-inħawi.
- Ibda minn Pietru bid-dmugħ f'għajnejh wara t-tradiment u spiċċa f'Ġuda li f'dak il-lejl ma sabhiex id-dar. (*Din hija l-idea privata ta' l-Isqof D. Tonino*)

**Mqaddsa Marija, Xebba li Tilqa'**

- Għinna nilqgħu l-Kelma t'Alla fil-fond ta' qalbna
- Għinna nifhmu dak li għamilt int, biex bħalek nagħmlu wisgħa lil Alla li jiġi jgħammar fina.

**Għinna nifhmu**

- Li Alla ma jiġix iħabbat fil-bieb ta' qalbna qisu xi uffiċjal b'ordni f'idejh biex niżgumbraw il-post,
- iżda Alla jħabbat fil-bieb ta' qalbna biex jiġi jimla bid-Dawl tiegħu s-solitudini tagħna
- Li Alla jidħol f'darna mhux biex ixekkilna u jagħmlilna l-manetti f'idejna,
- iżda biex jerġa' jagħtina l-vera liberta`.



Giov di Paolo, *Il-Madonna tal-mant*

**Għaliex mhux dejjem niftħulu beraħ il-Bieb ta' Qalbna?**

- Għax aħna nibżgħu mill-ġdid
- It-tibdil jagħtina fastidju
- U billi l-Mulej dejjem jibdel ta' taħt fuq il-pjanijiet tagħna u l-programmi u l-proġetti ta' ħajjitna, malli nisimgħu l-Passi tiegħu, nippruvaw bħalma għamel Adam, ninħbew biex ma niltaqgħux Miegħu.

**O Marija fehmna ftit li**

- Anki jekk hu jbiddel il-pjanijiet tagħna, b'daqshekk ma jħassrilniex il-festa.
- Anki jekk itajrilna n-ngħas tagħna, b'daqshekk ma jtellifniex il-mistrieħ.

**Fehmna li malli Nilqgħuh**

- F'qalbna, anki ġisimna jiddi bid-dija Tiegħu.

**Mqaddsa Marija, Xebba li Tilqa'**

- Għallimna nagħtu merħba lil ħutna, u nuruhom ġesti ta' akkoljenza.
- Veru li għaddejjin minn żminijiet diffiċli, minħabba l-biża' li niġu misruqin mill-ħallelin, ikollna ngħixu bil-bibien imsakkra u mgħammrin b'sistemi ta' sikurezza kontra s-serq.
- Ma għadniex nafdaw wieħed lill-ieħor
- Dejjem imwerwra li xi ħadd se jagħmilhielna
- Sirna nissuspettaw f'kollox u f'kulħadd.
- Is-sens ta' biża għeleb is-sens ta' Solidarjeta`.
- Fejn qabel kont tieħu gost tiftaħ idejk mal-proxxmu, illum sirna nitwerwru nafdaw iżżejjed
- Hekk spiċċajna biex ngħixu matugħin minn kulħadd wara l-kanċell ta' djarna.

**TALBA**

Nitolbuk, o Marija, keċċi s-suspetti tagħna, u agħmel li noħorġu mill-qoxra ta' l-egoiżmu, oħroġna miċ-ċirku tal-klikek tagħna, tħalliniex nagħlqu qalbna quddiem min hu differenti minna. Għinna nwaqqgħu l-ħitan tal-firda (minħabba razza, kultura, reliġjon, partit), inneħħu l-fruntieri li jifirduna, il-fruntieri kulturali qabel dawk ġeografiċi. Il-fruntieri ġeografiċi qed jaqgħu quddiem id-dħul ta' nies barranin, imma dawk kulturali ma tinfidhom b'xejn. U la darba qed ikollna nilqgħu lill-barranin fuq artna, għinna biex nilqgħuhom ukoll fil-qalba taċ-ċivilta` tagħna.

Agħmel li l-mewt tagħna tkun mewta serena, bħal dak li jmidd rasu fuq spallejn Ommu u jorqod mistrieħ. Żommna mħaddnin ma' qalbek f'mewtna, kif żammejtna mħaddnin ma' qalbek tul ħajjitna. Erfagħna fuq dirgħajk u wassalna quddiem l-Imħallef Divin, għaliex, ja Omm it-Tjieba, jekk biss niġu ppreżentati minnek, nistgħu nsibu ħniena quddiem l-Mulej. ●



# Kliem Għalik

*mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi*

## Alma Redemptoris Mater

Hija waħda mill-erba' antifoni marjani li jingħadu fi tmiem ir-reċita tal-brevjar; titkanta jew tiġi reċitata wara l-Kompjeta mill-għasar tas-Sibt, ta qabel l-ewwel ħadd ta' l-Avvent sat-tieni għasar tal-festa tal-Purifikazzjoni tal-Imqaddsa Verġni Marija.

L-awtur tagħha aktarx kien Hermanus Contractus, (1013–54) patri ta' Reichenau, li hu maħsub li kiteb kemm il-mużika oriġinali kif ukoll il-kliem ta' din l-antifona. Dwar dan il-poeta li kiteb bil-Latin, nafu ftit ħafna.

Għalkemm illum tingħad fi tmiem ir-reċita tal-brevjar, fil-bidu l-Alma Redemptoris Mater kienet titkanta bħal l-antifoni l-oħra qabel ma jibda u x'ħin jintemm xi salm jew xi kantiku.

Barra mill-kant Gregorjan, din l-antifona ġiet ukoll mużikata minn diversi kompondituri, bħal ma huma Jaquin Deprez u Palestrina li addattaw kant polifoniku għaliha.

L-antifona ġiet tradotta b'ħafna ilsna.

It-traduzzjoni bil-Malti, hija din li ġejja, u bit-tifsir tagħha:

***"Omm ħelwa ta' Kristu l-Feddej,***
***Int bieb illi jagħti għas-sema,***
***Int, kewkba tal-baħar , Marija.***
***Ħarisna mill-waqgħa, kun magħna***
***Għajnuna tal-poplu l-maħtur,***
***Li b'għaġeb nissilt 'il min ħalqek,***
***Fis-siegħa li lqajt it-tislima***
***Li tak Gabriel, bqajt xebba,***
***Kif qabel, hekk wara t-tnissil***
***Ħenn, Omm, għal uliedek midinba."***

- ***"Omm ħelwa ta Kristu l-Feddej"***
Permezz ta' l-inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla, fil-ħdan ta' l-Imqaddsa Verġni Marija, seħħet ġrajja unika fl-istorja: Alla sar, biex jifdi l-bnedmin li kienu fil-jasar tad-dnub. Alla, Ħalieq u Sid ta' l-univers, issa sar ukoll il-Feddej ta' l-umanita`. Saret tibdila ta' l-għaġeb, il-bniedem minn għadu ta' Alla, sar ħabib tiegħu u kiseb sehem minn natura divina (I Pt 1,4) Marija kienet dik il-kreatura, magħżula minn Alla, sa mill-eternita`, biex iġġib fid-dinja l-Feddej, mistenni mill-ġnus. Hija l-Omm ħelwa tiegħu u għalhekk jistħoqqilha kull ġieh.

- ***" inti bieb illi jagħti għas-sema"***
Fil-Litanija, 'l-Madonna nsejħulha, *ianua coeli* "bieb tas-sema" għax il-ġenna kienet magħluqa minħabba dnubietna u ma konna nidħlu qatt fiha, kieku ma ġiex Kristu fid-dinja, u bil-passjoni u l-mewt tiegħu kisbilna l-grazzji meħtieġa biex insalvaw. Irridu nroddu ħajr lil Marija, immela, għaliex hija tatna 'l Krsitu, dak li salvana u kisbilna l-jedd għall-ġenna.

- ***" Int, kewkba tal-baħar, Marija"***
Fl-antik, dawk li kienu jbaħħru 'l bogħod minn art twelidhom, biex ma jitilfux triqthom fuq il-baħar, kellhom il-kewkba li tmexxihom u twassalhom sal-port fejn riedu jaslu. Għalina l-insara, li qegħdin nivvjaġġaw fuq il-baħar imqalleb tad-dinja, hija l-Madonna li bit-talb tagħha, lill-Feddej, twassalna sal-port tas-salvazzjoni u ddaħħalna fis-sema, il-belt li tibqa' għal dejjem.

- ***"Ħarisna mill-waqgħa, kun magħna għajnuna tal-poplu maħtur"***
Mill-ewwel waqgħa fil-ħtija ta' Adam u Eva



sa l-aħħar taż-żminijiet, ix-xorti tal-bniedem tinbidel kontinwament, il-bniedem jgħaddi mid-dlam għad-dawl imma mill-ġdid jerġa' jippreferi li jgħix fid-dlam, jaqa' u jerġa' jqum bil-periklu li jaqa' mill-ġdid. Il-bniedem jeħtieġ mela, l-id setgħana sabiex tgħinu biex jintrefa' mill-miżerja spiritwali tiegħu u ma jerġax jistabat ma' l-art.

Għalhekk hija siewja ħafna t-talba li l-Knisja tagħmel lill-Feddej u bl-interċessjoni ta' l-Omm għażiża tiegħu: *"Għin lill-poplu tiegħek, li jiġġarraf ta' spiss, imma jibqa' dejjem bix-xewqa li jerġa' jqum".* Dawn il-kelmiet jgħoddu għal kull bniedem, għall-komunitajiet u l-ġnus, għall-ġenerazzjonijiet u l-epoki kollha ta' l-istorja, mhux l-inqas għalina u għal żminijietna. Il-bniedem għamel ħafna progress fl-oqsma tax-xjenza u tat-teknoloġija, imma xorta waħda għadu mhedded mill-periklu ta' waqgħat spiritwali.

Il-kelmiet ta' l-antifona *Alma Redemptoris Mater* huma stedina ħerqana lill-kuxjenza tan-nisrani sabiex joqgħod attent ħalli ma jaqax u jekk jaqa', ma jitlifx żmien biex bil-għajnuna tal-grazzja jerġa' jqum fuq saqajh u jitlaq jimxi bil-ħeġġa fit-triq tas-salvazzjoni.

Marija hija l-għajnuna ta' l-Insara, dik li tgħin lill-poplu t'Alla fit-taqbida li għandu bejn it-tajjeb u l-ħażin, sabiex ma jaqax, u sabiex meta jaqa', jerġa' jqum.

- ***"Li b'għaġeb nissilt 'il min ħalqek"***
  Il-ħolqien kollu stagħġeb, bir-rigal hekk kbir, meta Alla permezz tal-Verġni ta' Nazaret tana lill-Ibnu biex ikun ħuna u Feddej tagħna: "Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem" (*Gw.*3,16). Aħna nemmnu u nistqarru dan il-misteru iżda ma nistgħux naħbu l-istagħġib tagħna, u l-ewwel li stagħġbet kienet Marija għax fiha kien twettaq dak il-miraklu kbir.

- ***"fis-siegħa li lqajt it-tislima, li tak Gabriel"***
  Dawn il-kelmiet jiġbru fihom l-ġrajja li jirrakkonta fil-Vanġelu tiegħu San Luqa, meta kiteb dwar it-twelid u t-tfulija ta' Kristu, li aktarx kellu dan it-tagħrif minn għand il-Madonna stess: *"L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Sliem għalik mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek...Ara inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u semmieh Ġesu`... "Ara jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek!"* (*Lq.*1,26-38). Laqgħet it-tislima u aċċettat il-missjoni li tkun Omm Alla u Omm tagħna l-bniedmin.

- ***"bqajt xebba, kif qabel, hekk wara t-tnissil"***
  Il-Knisja salum lil Marija ssejħilha "Verġni u pura, qabel it-twelid, fit-twelid, u wara t-twelid." Il-verġinita` perfetta u perpetwa, ix-xbubija tagħha li ma tilfitha qatt, hija wieħed mill-privileġġi, li Alla ried jagħti lill-Imqaddsa Omm Tiegħu, biex isir dejjem iktar xierqa li jkollha l-Kristu, Iben t'Alla bħalha Binha.

- ***"Ħenn, Omm, għal uliedek midinba"***
  L-antifona *Alma Redemptoris Mater* tagħlaq bil-ħsieb li huwa mfisser bil-kliem li aħna ntennu tant drabi kuljum fit-talba tas-Sliema u l-Qaddisa "Itlob għalina midinbin issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna". Kif stqarr San Pietru li huwa midneb hekk ukoll nistqarru aħna, fil-waqt li nagħrfu u nifhmu wkoll il-ħtieġa li Ommu Marija tindukrana kontinwament f'ħajjitna u fil-punt tal-mewt tagħna; għalhekk nitolbuha tħenn għalina u sseddaqna bit-talb setgħan tagħha. ●

Ikompli minn paġna 13

- **Il-Post ta' Tifħir lil Alla għal ħniena tiegħu.** Nistgħu ngħidu li l-Verġni Marija hija l-ewwel pellegrina u l-ewwel santwarju ħaj. L-ewwel u qabel kollox għaliex hija tersaq lejn Alla billi toffrilu lilha nfisha kollha kemm hi, u t-tieni għaliex b' Kristu f'ġufha hija itterraq lejn l-għoljiet tal-Lhudija biex twassal il-presenza ta' Kristu fid-dar ta' Eliżabetta. Hawn mal-wasla tagħha għand il-qariba tagħha hija tinseġ il-Magnificat, l-innu ta' tifħir lil Alla. Hekk għadu jiġri fis-santwarji, il-pellegrini jimxu lejn din id-dar ta' Alla biex jirringrazzjawh, biex ifaħħruh tal-grazzji li rċivew permezz ta' l-interċessjoni ta' l-Omm ta' Alla. Fil-Magnificat il-Verġni Marija tfaħħar lil Alla mhux biss għal li għamel magħha iżda fuq kollox tfaħħar lil Alla "għaliex il-ħniena tiegħu tinfirex b'kull żmien".[13]

Propju minħabba f'hekk waħda mid-dimensjonijiet tal-Pellegrinaġġ hija dik **Penitenzjali.** Hawn ta' min isemmi l-importanza tal-Pellegrinagg Penitenzjali l-aktar fiż-żmien tar-Randan. Dan għaliex il-ħajja tan-nisrani hija wkoll mixja ta' Konverżjoni. Bħal l-Iben tal-parabbola li telaq 'il-bogħod mid-dar ta' missieru, wara li jirrifletti, kollu niedem jitlaq f'mixja lura lejn id-dar ta' missieru u jitolbu l-maħfra. Għalhekk huwa importanti li matul il-pellegrinaġġ wieħed jaqra siltiet mill-iskrittura li jgħinuh jagħmel l-eżami tal-kuxjenza, jidħol fih innifsu u waqt li jagħraf bid-dnub, tiegħu kollu ħeġġa, jimxi lejn is-santwarju biex hemm huwa jirċievi s-Sagrament tal-Hniena ta' Alla, is-sagrament tar-rikonċiljazzjoni. B'hekk wara dan ikun jista' jiċċelebra l-Ikla ta' l-imħabba ta' Alla lejna, l-Ewkaristija

- **Il-Post taċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika.** "Meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja."[14] Minn fuq is-Salib, Ġesu' wera ħnientu magħna, għax "dan hu ġismi li jingħata għalikom, dan hu demmi mxerred għall-maħfra tad-dnubiet."[15] Il-qofol ta' kull pellegrinaġġ u ċ-ċentru ta' kull santwarju marjan jibqa dejjem iċ-Ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija. L-Imqaddsa Marija kienet preżenti taħt is-salib, Marija hija



preżenti ma' ġenb kull artal u magħna toffri dan is-sagrifiċċju lil Alla. Marija, il-mara Ewkaristika, tistedinna biex nieħdu sehem sħiħ f'din iċ-ċelebrazzjoni ta' l-imħabba ta' Alla lejna, li offra lil Ibnu l-waħdieni lielna.

## Konklużjoni

Il-pellegrin qatt ma għandu jaqta' qalbu meta jħabbat wiċċu mad-dnub, mat-tbatija tal-ħajja ta' kuljum. Kif matul il-pellegrinaġġ hemm is-sagrifiċċju u hemm l-iebes, hekk ukoll fil-ħajja ta' kuljum. Jeħtieġ għalhekk li jiftakar li tul il-mixja tal-ħajja huwa ma hux waħdu, iżda fil-mixja tiegħu lejn Kristu, fil-ġlieda tiegħu kontra id-dnub, fit-tfittxija għall-paċi u l-ħniena; hemm persuna miexja miegħu. Hemm sieħba, is-sieħba tal-Feddej, dik li mxiet ma' Binha Ġesu' t-triq tas-salib, timxi miegħek ukoll għażiż pellegrin. Iva Omm Ġesu' u Ommok timxi miegħek it-triq tal-ħajja, triq li għalkemm fiha hemm it-tbatija, hija it-triq li twasslek fid-Dar tal-Missier. Itlobha lil din l-Omm tal-Hniena u ħalliha turik it-Triq lejn l-għamara tal-Feddej. ●

**Riferenzi**


1 Congregazione per il Culto Divino e la Disciplina Dei Sacramenti: **Direttorio Su Pieta' Popolare e Liturgia. Principi e orientamenti**, Citta' del Vaticano 2002
2 Kodiċi tad-Drittu Kanoniku, Kan 1234
3 Ara Salmi 122, 134, 135, 138, 150.
4 Efesini 1, 4
5 Mattew 1, 21
6 Luqa 2,49
7 1 Pietru 2, 5
8 Efesin 2, 21-22
9 L-ewwel *Domus Ecclesia* kienet id-dar ta' San Pietru f'Kafarnaum fejn spiss Kristu kien jilqa' n-nies u jgħallem. F'Ruma u f'Pompei jeżistu l-fdalijiet ta' dawn id-djar.
10 1 Korintin 3, 16-17
11 Apokalissi 21, 3
12 Mattew 5, 8
13 Luqa 1, 50
14 Ġwanni 13,35
15 Mattew 26, 26-28



# mid-Dinja Marjana

**minn Esther Bajada**

## Il-bniedem fiċ-ċentru tal-paċi



Meta t-tfal jagħmlulek ċerti mistoqsijiet tipprova tippretendi li ma smajtx tajjeb biex tirbaħ ftit ħin u tħarbex għal risposta tajba. Kien dan il-każ meta riċenti ibni dar fuqi u staqsieni x'hawn l-iktar fid-dinja, jekk hux nies tajbin jew nies ħżiena. Ġrejt mili fil-ħsieb meta smajt il-mistoqsija biex nara x'se nwieġeb għaliex kont diġa` qed nimmaġina li se jsus fuq is-suġġett. Għidtlu li naħseb li hawn iktar tajbin. Mil-ewwel qalli li fl-aħbarijiet fuq il-ħżiena jitkellmu, fuq il-gwerra, il-vjolenza, is-serq u l-qtil. Qalli li l-ħżiena dejjem jirbħu... u t-tajbin?

Għaddew xi ġimgħat u kont qed naqra l-appell tal-Papa biex fl-Art Imqaddsa, mifluġa minn gwerra twila u kiefra, tkun imħarsa d-dinjita` ta' kull persuna. L-okkażjoni kienet Jum il-Paċi, il-Festa Liturġika ta' Omm Alla, iċċelebrata fil-bażilika ta' San Pietru. B'referenza għal-liturġija ta' dik il-ġurnata, il-Papa tkellem dwar il-kobor tal-figura ta' Marija li Alla għażilha biex iwassal lil ibnu fid-dinja. Il-Papa qal li ċ-ċelebrazzjoni tal-Festa t'Omm Alla hija dwar misteru u ġrajja storika - Ġesu` Kristu, twieled fid-dinja u sar parti mill-istorja, permezz tal-Verġni Marija. Marija, qal il-Papa, hija Omm ta' l-umanita` għaliex Kristu xerred demmu għal kulħadd u minn fuq is-salib fdalha lill-bnedmin kollha. U f'Jum il-Paċi, l-ewwel jum tas-sena, bit-tema '*Il-Persuna Umana, fil-Qalba tal-Paċi*' Papa Benedittu qal li minħabba li kull bniedem huwa maħluq xbieha t'Alla, huwa mimli b'dinjita' li titlob li tiġi mħarsa rrispettivament mir-razza, kultura jew reliġjon. Semma' il-gwerrer minsija, it-theddida tat-terroriżmu li ttellef is-serenita' ta' popli sħaħ u sitwazzjonijiet oħra ta' inġustizzja li jkasbru lill-bniedem u jpinġuh bħala oġġett. Il-Papa appella lill-mexxejja tal-pajjiżi, li kienu preżenti waqt iċ-ċelebrazzjoni, biex jaħdmu favur ambjent li jħares id-dinjita` tal-bniedem b'għarfien sħiħ tal-persuna li hija

xbieha t'Alla. Fi tmiem l-omelija, il-Papa talab lill-Madonna biex iddawwal għajnejn il-bniedem ħalli jagħraf lil Kristu f'kull persuna oħra, għaliex il-bniedem huwa fiċ-ċentru, fil-qalba tal-paċi.

...Fi kliem sempliċi lil ibni erġajt weġibtu li veru naħseb li fid-dinja hawn iktar tajjeb milli ħażin u li dwar il-ħażin nisimgħu iktar. It-tajjeb huwa sieket. Id-diskors tal-Papa ġie wara d-djalogu ma' ibni fuq dan is-suġġett... forsi kieku kont inwieġeb aħjar. Laqtitni r-rikorrenza tas-suġġett: il-kunflitt bejn it-tajjeb u l-ħażin. Iktar minn hekk, laqatni kif it-tfal tagħna qed jistaqsu dwar dan meta fl-eta` tagħhom m'għandhomx ikunu mtaqqla mill-kunflitti ta' dawk li fil-bniedem ma jarawx ix-xbieha t'Alla.

## Il-Parroċċa - dawl għas-socjeta`

F'kuntest ta' soċjeta` sekularizzata, il-parroċċa hija bħal sors ta' dawl fuq il-fidi. Din hija t-tifsira tal-parroċċa li ta Papa Benedittu XVI meta riċentement ikkonsagra knisja fin-nofsinhar ta' Ruma. Il-Knisja ġiet iddedikata li Santa Maria. Din il-parroċċa ġdida ġiet inawgurata fl-Avvent, żmien li d-Djocesi Rumana tuża biex tiġbor fondi bil-għan li jinfethu knejjes ġodda fil-periferija tal-kapitali Taljana. F'dawn l-aħħar sittax-il sena, dan il-proġett lesta mal-ħamsin kumpless parrokkjali ġdid. Papa Benedittu nkoraġġixxa lil dawk kollha nvoluti fil-proġett ta' bini ta' parroċċi bil-għan li dawk il-komunitajiet li huma nieqsa minn parroċċa, jesperjenzaw il-ġid ta' parroċċa fi ħdanhom. Il-Papa qal li f'soċjetajiet sekularizzati, il-parroċċa tista tkun tweġiba għall-bżonnijiet spiritwali tal-persuni u tal-familji. Iż-żona ta' Torrino Nord, fejn ġiet inawgurata l-parroċċa, għandha waħda mill-ogħla rati ta' twelid ta' tfal meta mqabbla ma' żoni oħra Rumani. Konxju ta' dan, Papa Benedittu tkellem dwar il-ħidma importanti tal-komunita` li teduka lit-tfal biex iħarsu l-ħajja u l-fidi. Huwa qal li t-tfal f'din il-parroċċa għandhom igawdu minn ambjent u strutturi xierqa biex jikbru fil-fidi u fl-imħabba lejn Alla.

Il-konsagrazzjoni tal-Knisja saret b'ċelebrazzjoni skond il-kult Kristjan. Qabel il-Liturġija, il-Papa kkonsagra l-artal billi dilku biż-żejt. Ir-rit tad-dedikazzjoni tal-Knisja kompla bid-dlik ta' żejt mal-ħitan tal-Knisja bħala sinjal li l-post huwa ddedikat esklussivament u għal dejjem, għall-kult Kristjan. Imbagħad, l-artal ġie inċensat u mixgħul bid-dawl.

## Il-Papa fis-Santwarju *Meryem Ana Evi*





Papa Benedittu XVI żar is-*Santwarju Meryem Ana Evi'* meta ricentement żar it-Turkija f'pellegrinaġġ appostoliku. Fl-omelija, waqt quddiesa iċċelebrata biswit is-Santwarju, il-Papa tkellem dwar Marija Omm il-Knisja u qal li l-missjoni Materna ta' Marija fil-konfront ta' min jemmen, bdiet meta Kristu qalilha minn fuq is-salib, '*Mara, hawn hu ibnek*' (Gw 19,26). Il-Papa qal li f'dak il-mument Kristu ta għarfien lill-familja ġdida li ġie biex jibni fid-dinja.

## Lourdes - tħejjijiet għall-150 anniversarju

F'Lourdes għaddejjin it-tħejjijiet biex jiġi iċċelebrat il-150 anniversarju mid-dehriet tal-Madonna. L-Isqof ta' Tarbes u Lourdes, Monsinjur Jacques Perrier, li huwa l-President tal-kumitat organizzattiv, qal li l-ideja hi li Lourdes jiġi kkomunikat bħala post b'missjoni ta' '*evanġelizzazzjoni ġdida*'. Il-programm jinkludi fost affarijiet oħra, sensiela ta' laqgħat u pellegrinaġġi dwar temi tal-Knisja Missjunarja.





Din is-sena jaħbat ukoll id-90 anniversarju mid-dehriet tal-Madonna ta' Fatima. F'intervista li ta lir-rivista ZENIT, ir-Rettur tas-Santwarju ta' Fatima Padre Luciano Guerra tkellem dwar ir-relevanza tal-messaġġ ta' Fatima għall-Knisja u d-dinja. Padre Guerra qal li l-interess li n-nies juru lejn Fatima juri r-relevanza tal-post, filwaqt li l-Madonna kienet tkellmet dwar iż-żminijiet t'issa u allura hemm relevanza konkreta. Padre Guerra qal li l-messaġġ ta' Fatima huwa dwar Alla u min jemmen f'dan il-post u fid-dehriet li kienu seħħew, jemmen f'Alla.

## Marija ta' Nazaret

F'Ruma għaddejjin it-tħejjijiet għall-produzzjoni tal-musical *'Marija ta' Nażaret... L-istorja li tkompli'* Il-proġett huwa fdat lil Lybra Entertainment, li se tonfoq żewġ miljun Ewro fuq dan il-musical. L-ewwel wirja ta' dan il-musical hija ppjanata għal Diċembru li ġej fit-Tejatru Francesco *Cilea* ta' *Reggio Calabria*. Il-musical, mibdi minn ideja ta' l-awtriċi u reġista Maria Pia Liotta, għandu superviżjoni reliġjuża ta' Padre Stefano de Fiores, tejologu Marjan.

## L-Arċisqof Cremona fid-Djoċesi Għawdxija



Nhar is-Sibt, 24 ta' Frar 2007, Mons Pawlu Cremona OP, l-Arċisqof ta' Malta għamel l-ewwel żjara uffiċċjali f'Għawdex. Filgħodu huwa ltaqa' mas-saċerdoti Għawdxin fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, fejn mexxa ġurnata ta' talb għas-saċerdoti.

Filgħaxija huwa mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-Katidral ta' Għawdex, flimkien ma' l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech u Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritus ta' Għawdex. Folla numeruża imliet il-Katidral għal din l-okkażjoni. Fi tmiem il-Konċelebrazzjoni, l-Isqof Mario Grech ippreżenta ċurkett lill-Arċisqof Mons Pawlu Cremona OP b'tifkira ta' din l-ewwel żjara tiegħu f'Għawdex.

Ta' min isemmi li fuq iċ-ċurkett hemm imnaqqxa x-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu, xbieha tant għażiża għall-poplu Għawdxi u Malti.




## DIĊEMBRU 2006

**Il-Ġimgħa 7:** Għall-ewwel darba fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu saret il-**Velja ta' l-Immakulata.** Bdiet b'quddiesa mir-Rettur il-Kan. Michael Galea flimkien ma' Mons Beneditt Camilleri u Dun Gerard Buhagiar. Wara l-quddiesa saret purċissjoni Aux Flambaux maz-zuntier tal-Knisja. Din il-purċissjoni kienet animata minn kant u qari mill-kelma ta' Alla. Mexxa l-purcissjoni u l-ħsibijiet l-Kappillan ta' San Lawrenz, il-Kan. Daniel Xerri. L-animazzjoni tal-kant kienet imexxija mill-kor tal-Knisja ta' Ġesu' Nazzarenu.

**Il-Ħadd 10:** Illum festa tal-Madonna ta' Loreto, saret il-magħmudija ta' Krystle Borg, bint Michael Borg u Olympia M. Vella mill-Kan Noel Saliba.

**Is-Sibt 30:** L-istudenti Sależjani immexxija minn Fr Sandro Camilleri kellhom quddiesa fis-Santwarju f'għeluq ta' tlett ijiem irtir li huma kellhom f'Għawdex.

**Il-Ħadd 24-25:** Festa tat-Twelid ta' Sidna Ġesu` Kristu. Fil-lejl tal-Milied, l-Eċċellenza tiegħu Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa iċ-ċelebrazzjoni solenni li bdiet fil-11.30p.m. bil-priedka tradizzjonali tat-tifel. Is-sena l-priedka saret minn Mark Laurence Zammit. Wara saret ir-reċita tas-Salmi u mbagħad tkompliet il-Konċelebrazzjoni



*Pellegrinaġġi*

**Il-Ġimgħa 1:** Pellegrinaġġ mill iskola St Joseph School ta' Blata l-Bajda. Iċ-ċelebrant tal-quddiesa kien Dun Ġużepp Piscopo.

**L-Erbgħa 13:** Pellegrinaġġ mill-abbatini tal-parroċċa ta' Marsaxlokk immexxi mill-kappillan Dun Victor George Vassallo.




# Taħfer lil min ried joqtolha u titlob għalih!

Kitba ta' Dun Mikiel Galea
Illustrazzjonijiet ta' Christine Renée Simoncic



*Maria Khoury hija tfajla afrikana li kienet tgħix fil-kwiet bħala nisranija flimkien ma' għadd ta' ġirien oħra.*



*Meta kellha biss sbatax-il sena, ir-raħal tagħha kien attakkat minn misilmin fanatiċi. Għamlu mill-post ħerba sħiħa.*

*Wieħed żagħżugħ ipponta l-ixkubetta ma' għonq Marija u għajjat: "Jekk inti taqleb għar-reliġjon musulmana jiena ma nisparax."*





*Bla ma qagħdet taħsibha, Marija wieġbet: "Jiena mgħammda, jiena nisranija, u miniex se niċħad il-fidi tiegħi."*

*Iż-żagħżugħ feroċi dlonk ġibed il-grillu u ħalla lil Maria għal mejta*



*Jumejn wara tar-Red Cross waslu fuq il-post u sabu lil Maria għadha ħajja. Il-balla tas-suldat fanatiku kienet għaddiet tul ix-xewka tad-dahar u ħallietha paralizzata għal kollox.*



*Meta l-missjunarju mar jaraha l-isptar qaltlu: "Father, kulħadd għandu xi vokazzjoni. La jiena bqajt ħajja...*



*...bilfors li Alla jridni nagħmillu xi ħaġa kbira. Jiena qatt ma nista' niżżewweġ, anqas insir soru; għalhekk iddeċidejt li noqgħod nitlob għal dak ir-raġel li sparali.*



*Maria Khoury qed tgħix fil-prattika t-tagħlim ta' Ġesu`: "Ħobbu lill-għedewwa tagħkom u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom."*

# JANNAR 2007

**Is-Sibt 6:** Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla fl-okkazjoni tal-25 Anniversarju miż-żwieġ ta'Jimmy u Carmen Attard. Iċ-ċelebrant tal-quddiesa li saret fil-kappella tal-Madonna Ta' Pinu, kien l-Arcipriet Reuben Micalllef.

**Il-Ħadd 7:** Ċelebrazzjoni tal-Quddiesa fil-kappella tal-Madonna li fiha sar it-tberik ta' l-għerusija ta' David Schembri u Mary Schembri minn Ħal Kirkop fil-preżenza taż-żgħażagħ ta' l-istess parroċċa. Iċ-ċelebrant kien Fr John Philip Curmi.

**It-Tnejn 11:** Fr Robert Grech OCD U Fr Joseph Gerada OCD iċċelebraw l-Ewkaristija li fiha poġġew il-provincja tagħhom taħt il-ħarsien tal-Madonna.

**Is-Sibt 20:** Ċelebrazzjoni tas-sagrament taż-żwieġ bejn Sergio Narciso u Antonia Spiteri residenti fil-Kanada. Iċ-ċelebrant tal-quddiesa kien Mons Girgor Grech.



**It-Tnejn 22:** Qudddiesa ta' ringrazzjament fl-għeluq l-40 Annivesarju taż-żwieġ ta' Ninu u Tessie Cutajar mill-parroċċa tal-Mellieħa. Iċ-ċelebrant kien Dun Gerard Buhagiar.

**Is-Sibt 27:** Quddiesa li fiha ġie amministrat is-sagrament tal-Magħmudija ta' Kylie Vella bint Roberta u Antonio Vella mill-parroċċa ta' Loreto. Iċ-ċelebrant kien l-Arċipriet ta' Għajnsielem il-Kan Frankie Bajada.

Fl-istess jum saret Quddiesa u wara tkompliet l-Adorazzjoni għall-Persuni ikkonsagrati organizzata mill-Ispigolatriċi tal-Knisja. Il-Konċelebrazzjoni immexxija minn Dun Gerard Buhagiar flimkien ma' Mons Karm Hili u Mons Salv Grima.

**Il-Ħadd 28:** Ċelebrazzjoni fil-kappella tal-Madonna Ta' Pinu, fl-okkazzjoni taż-żjara mill-E.T. Mons Francis Baldacchino, Isqof ta' Malindi fil-Kenja b'ringrazzjament lill-Madonna għal ħarsien tagħha.

Fl-istess jum saret iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-magħmudija ta' Joel Scerri bin Mario u Joanne. Iċ-ċelebrant kien il-Kan Ġwann Sultana.

**It-Tnejn 29**: Quddiesa għall-abbatini tal-knisja tal-Karmelitani tal-Fgura minn Fr Ronald Lofreda O.Carm,

*Pellegrinaġġi*

**L-Erbgħa 3:** Pellegrinaġġ miż-żgħażagħ tal-parroċċa ta' Ta' Xbiex immexxi minn Fr Joseph Cremona OCD ġew f'riġlejn il-Madonna ta' Pinu biex jafdaw lilhom infushom taħt il-ħarsa materna tal-Madonna.

Fl-istess jum pellegrinaġġ ieħor kien dak tal-parroċċa tax-Xewkija u li kien immexxi minn Dun Ġwann Mizzi.

**Is-Sibt 6:** Pellegrinaġġ organizzat mill-Fergħa Ewkaristika għall-membri tagħha u adorazzjoni Ewkaristika mmexxija minn Mons Ġużeppi Cauchi.



# Programm tar-Randan u tal-Ġimgħa Mqaddsa fis-Santwarju Ta' Pinu

- **Meditazzjoni tar-Randan**. Fuq l-eżempju ta' Marija ejjew matul dan ir-Randan: "*Ngħożżu l-Kelma t'Alla u naħsbu fuqha*". Kull **nhar ta' Erbgħa** fis-Santwarju jsiru mumenti ta' Meditazzjoni fuq il-Kelma t'Alla, li jintemmu b'Adorazzjoni Ewkaristika.

  **Ħinijiet**: 9.00 a.m. Meditazzjoni mmexxija minn Patri Sandro Overend ofm
  7.00 p.m. Meditazzjoni mmexxija minn Mons. Ġużeppi Cauchi

- Via Sagra fuq il-Għolja: Kull nhar ta' Ħadd fit-3.30pm. **Saċerdot imexxi l-Ħsibijiet tal-Via Sagra quddiem l-istatwi tal-Via Sagra li jinsabu fuq il-Għolja t'Għammar.**

## Ġimgħa Mqaddsa

- **Ħadd il-Palm - 1 t'April**: **8.30 a.m. Tifkira tad-Daħla ta' Ġesu` f'Ġerusalemm**
- **Via Sagra Djoċesana fuq il-Għolja ta'Għammar. Fis-7.00p.m.** Ser ikun l-Eċċ. Tiegħu Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, le ser imexxi l-meditazzjonijiet tal-Via Sagra. Għal dawk il-persuni li ma hux possibli li jitilgħu l-għolja, ser jsiru arrangamenti biex isegwu kollox minn fuq iż-żuntier tas-Santwarju Ta' Pinu. Il-Via Sagra ser tkun imxandra fuq Radju RTK 103 FM u Radju Marija 102.3 u 107.8 FM

- **Ħamis ix-Xirka - 5 t'April: 6.00 p.m. Ċelebrazzjoni Solenni ta' l-Ikla tal-Mulej**. Imexxi l-Eċċ. Tiegħu Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi. **8. 00 p.m. Visti fl-Artal tar-Repożizzjoni**

- **Il-Ġimgħa l-Kbira - 6 t'April: 6.00 a.m. Via Sagra** fuq il-Għolja t'Għammar organizzata minn gruppi ta' żgħażagħ minn diversi parroċċi. **3. 30 p.m. Ċelebrazzjoni tal-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesu` Kristu**, mill-Eċċ. Tiegħu Mons Isqof Nikol G. Cauchi. L-Animazzjoni tal-kant tkun mill-Kor Jubilate.

- **Sibt il-Għid - 7 t'April: 9.00 a.m. Is-Siegħa ta' l-Omm**, ċelebrazzjoni fejn il-Knisja tingħaqad ma' Marija fi stennija ħerqana tal-qawmien ta' Kristu. Imexxi l-Eċċ. Tiegħu Mons Mario Grech, isqof ta' Għawdex. Iċ-Ċelebrazzjoni ser tkun imxandra fuq Radju Marija 102.3 u 107.8 FM u fuq Radju RTK 103 FM.

- **Velja Solenni ta' l-Għid il-Kbir - 8.30 p.m.** Dan huwa l-aktar lejl importanti fil-ħajja tan-nisrani. Għalhekk in-nisrani jishar fit-Talb sa ma jseħħ il-Qawmien mill-Mewt ta' Kristu. Dan jagħmlu billi jiċċelebra l-Ikla ta' l-Għid, l-Ewkaristija. Il-velja ser tkun immexxija mill-Eċċ. Tiegħu Mons Isqof Nikol G. Cauchi, u ser tkun imxandra fuq Radju Marija 102.3 u 107.8 FM.

***L-Animazzjoni tal-kant matul iċ-ċelebrazzjonijiet kollha tal-Ġimgħa Mqaddsa ser ikun immexxija mill-Kor Jubilate.***



# The Blessed Virgin Mary and the Sacrament of Reconciliation

**Rev. Emanuel Magro**

*"Each year his parents went to Jerusalem for the feast of Passover, and when he was twelve years old, they went up according to festival custom. After they had completed its days, as they were returning, the boy Jesus remained behind in Jerusalem, but his parents did not know it. Thinking that he was in the caravan, they journeyed for a day and looked for him among their relatives and acquaintances, but not finding him, they returned to Jerusalem to look for him. After three days they found him in the temple, sitting in the midst of the teachers, listening to them and asking them questions, and all who heard him were astounded at his understanding and his answers. When his parents saw him, they were astonished, and his mother said to him, 'Son, why have you done this to us? Your father and I have been looking for you with great anxiety.' And he said to them, 'Why were you looking for me? Did you not know that I must be in my Father's house?' But they did not understand what he said to them. He went down with them and came to Nazareth, and was obedient to them; and his mother kept all these things in her heart. And Jesus advanced ġinħ wisdom and age and favor before God and man"*

(*The New American Bible*, Lk 2:41-52).

Luke narrates a unique incident in the life of the holy Family. The yearly positive experience of journeying to the temple in Jerusalem turns out into an accident that could have been disastrous.

For many years, Mary, Joseph and her son Jesus seemed to have enjoyed their annual trip to the sacred city and to God's holiest abode among His chosen race. They followed the dictates of the Lord and were filled with joy as they traveled to Jerusalem with their relatives and friends. Over these years nothing unusual seemed to have happened. Then one particular year something went awfully wrong. Everything was going well until the first day on their return journey home, when Mary and Joseph realized that their son was not with them. Anxiety sat in. They started to ask for him among their relatives and friends to no avail. Jesus was nowhere to be found and no one knew where Jesus was. He seemed to be lost. Somehow he got separated from his loved ones. How could this have happened to Mary? How could she, the mother of the promised Saviour allow herself to be divorced from her offspring, the Redeemer of humanity? She missed him. She could not stand life without him. She needed to search for him and could only be satisfied when she would find him.

Mary's experience of being separated from her son for a few days stands in great contrast with her experience of her pregnancy of Jesus. She was truly united with him. She felt him bonding with her. She treasured every moment of his growth and the way this development was affecting her. She experienced in her womb the Divine gradually reconciling humanity with God. The Fathers of the Church remarked that her womb was the bed where the reconciliation between God and humanity occurred. Mary felt this process of reconciliation and experienced the richness of God's reconciling humanity with Himself. This reconciliation filled her with joy and changed her life into one of thanksgiving and praise to God (see the Magnificat). Now her son has grown into an adolescent and she lost him! She needs to scour the whole place and the holy city for the missing Reconciler.

Mary's negative experience of losing her son and being separated from him enables her to understand the plight of each one of us Christians when we sin. Through our sinful actions we separate ourselves from one another and from our loved ones, family, friends and neighbors. When we sin, we are concerned with our own self; we give priority to our own self. We subordinate even God to our wishes and desires. We ignore that God should always have the first priority in our lives. He has created us and loved us first.

Mary empathizes with our sinful state. She remembers her sad experience when she lost her son. She prays for us that we first of all feel the anguish and pain of being separated from God's love and the love of others. She intercedes for us before her Son to grant us the grace of courage to reconcile ourselves with God and with others. She invites us to imitate her by setting ourselves on the journey back to Jerusalem and seek her Son. She is confident that through her prayers and God's grace, God will find us, accept us back as His sons and daughters and reconcile us with Himself and with one another. In reconciling us with Himself God allows us to experience that process of reconciliation between God and humanity that occurred in Mary's womb.

**Holy Mary, Mother of God,**
**pray for us, sinners,**
**now and at the hour of death, Amen. •**



# Isejħulek hienja...

*Paġna Letterarja*
**minn Francesco Pio Attard**

## Rakkont sabiħ ta' Tħabbira li ġabet maħfra u fidwa

### It-Tħabbira tal-Fidwa

Ninsabu fl-ewwel xhur tas-sena, u wara li jgħaddu l-jiem tal-festi tal-Milied u l-Epifanija, f'Marzu l-Knisja tiċċelebra l-festa kbira tat-Tħabbira, fi kliem sempliċi l-ġrajja ta' meta l-anġlu Gabrijel jagħti lil Marija l-aħbar sabiħa tat-tnissil ta' Ġesu` f'ġufha. Iċċelebrata eżatt disa' xhur qabel il-Milied, simboliżmu qawwi taż-żmien tat-tqala, din m'hix festa li tfakkar biss ġrajja storika li seħħet f'dar f'Nazareth, imma l-misteru kbir ta' l-Inkarnazzjoni. Għalhekk hi festa "tal-Mulej", u ta' Marija wkoll, għax din kienet hekk ħaġa waħda mal-Mulej li stqarret l-"iva" sħiħa tagħha għall-istedina ta' Alla.

L-isem li nagħtu lil din il-festa, li f'Malta nafuha bħala l-"Lunzjata", veru jixirqilha - hi t-"Tħabbira" kbira u kollha ferħ ta' l-imħabba ta' Alla. U hi tħabbira ta' fidwa, għax fil-mument ta' l-Inkarnazzjoni, li beda ma' l-"iva" ta' Marija, bdiet ukoll il-fidwa tagħna, tant mistennija u mħabbra sa minn qabel. Iż-żewġ misteri kbar ta' Kristu - Inkarnazzjoni u Fidwa - huma marbuta b'għoqda li ma tinħallx.

It-tema ta' din il-ħarġa hi *Marija u s-sagrament tal-Qrar*. Naraw, anki b'din il-poeżija li qed inqiegħdu llum għall-istudju u r-riflessjoni tagħna, is-sehem kbir tal-Verġni Marija fil-misteru tal-fidwa tagħna, fejn Ġesu` ġabilna l-maħfra b'demmu, li rrikonċiljatna mal-Missier. Bis-sehem tagħha fil-pjan tal-fidwa, jiġifieri billi wieġbet bil-ferħ għas-sejħa ta' l-anġlu, kienet strumentali biex lilna waslitilna l-maħfra tal-Missier f'ibnu Ġesu`. Għax hi qalet "iva", aħna ġejna maħfura. U l-Qrar hu wieħed mis-sinjali viżibbli li tana Kristu u fdahom f'idejn il-Knisja, biex jurina li kulmeta rridu nistgħu niksbu l-maħfra mingħand Alla li jħobbna.

### *Ħjiel fuq Ħajtu*

**Horatio C.R. Vella (1952- )**



Il-professur Horatio Caesar Roger Vella twieled f'Tal-Pieta` fis-26 ta' Novembru 1952 u trabba ma' missieru Frans u ommu Tessie f'Tas-Sliema. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola tal-Gvern f'Tas-Sliema, fl-iskola *San Alfons Marija de Liguori* tas-Salesjani f'Tas-Sliema, fis-Seminarju ta' l-Arċisqof, fil-Furjana, f'*Thornleigh Salesian College*, Bolton, Lancashire, f'*Beckford Salesian House*, Beckford, Nr. Tewkesbury, it-tnejn fir-Renju Unit, u mbagħad fil-kulleġġ *San Tumas ta' Aquino* tad-Dumnikani, ir-Rabat, Malta, u fl-universitajiet ta' Malta u ta' Tessaloniki. Huwa ggradwa b'baċellerat, liċenzjat u mbagħad dottorat fl-ilsna tal-Latin u l-Grieg.

Vella għallem il-Latin u l-Grieg fl-Universita` tar-Rodeżja (illum iż-Zimbabwe) mill-1979 sa l-1989, għallem ukoll għal term fl-Universita` ta' Malawi fl-1988, u fl-Universita' ta' Malta mill-1989 sal-lum. Huwa okkupa l-pożizzjoni ta' *senior lecturer* fil-Latin u l-Grieg, u mill-2004 dik ta' *associate professor*. Għallem għal perjodi qosra fl-Isvezja, fil-Latvja u f'Melbourne; ħa

sehem f'diversi konferenzi barra minn Malta u f'Malta, u ppubblika diversi xogħlijiet, fosthom fuq Jean Quintin, il-mitoloġija, il-metrika, l-iskrizzjonijiet bil-Latin f'Malta u f'Għawdex, l-istorja tal-gżejjer Maltin fi żmien il-Griegi u r-Rumani, u qiegħed jaħdem fuq poeżija bil-Grieg miktuba fis-seklu tnax wara Kristu li ssemmi lil Malta u lil Għawdex.

Il-professur Vella huwa l-Moderatur ta' l *Unita` 16* ta' l arċidjoċesi ta' Malta, u kien fil-*Kunsill Pastorali Djoċesan* mill-1993 sa l-2003, u mill-2006 sal-lum. Ħa sehem fl-aħħar Sinodu Djoċesan u ħadem fil-*Kummissjoni Liturġija għall-implimentazzjoni tas-Sinodu*. Fil-parroċċa ta' San Leonardu f'Ħal-Kirkop huwa ministru straordinarju tat-tqarbin, imexxi l-għaqda ta' l-irġiel *Emmaus* mill-1989, kien president u segretarju tal-Kunsill Pastorali mill-1989 sa l-2005, u huwa s-segretarju tal-*Kummissjoni Liturġija*.

Il-professur Vella żżewweġ lil Mary Rose Farrugia minn Ħal-Kirkop fl-1981, li mietet fl-1992. Fl-1993 iżżewweġ lil Vivienne Caruana miż-Żejtun, u għandhom tifel jismu Jerome.

## Ġrajja kbira terġa' tingħata l-ħajja

Il-kliem kapaċi jagħti l-ħajja mill-ġdid lil kull ġrajja. Vella, studjuż ta' l-ilsna u ħassieb mill-kbar, juża l-immaġinazzjoni ta' artista Kristjan li hu biex jidħol fil-ġrajja ta' Luqa 1: 26-38, u jgħaddiha lilna b'lingwaġġ sabiħ ħafna. Is-sitwazzjoni li joħloq hi probabilment dik li dejjem immaġina, u issa m'hux ħlief jaqsamha magħna.

Il-poeżija fiha seba' strofi u m'hix miktuba fi stil għalkollox tradizzjonali, għalkemm fiha strofi strutturati u tinħass fiha ċerta sekwenza u kumplimentarjeta' ritmika. Filfatt għalkemm m'hemmx rima fil-versi ma' xulxin, l-ewwel żewġ versi ta' kull strofa fihom disa' sillabi u t-tieni żewġ versi fihom sitta. F'dawn l-aħħar żewġ versi ta' kull strofa dejjem naraw xi azzjoni sseħħ, u l-aħħar vers ta' kull strofa hu maħsub biex jolqot iktar lill-qarrej. L-użu tal-vokabularju hu għani ħafna, m'għandniex xi ngħidu; u dan bla dubju, meta wieħed iqis li l-awtur hu midħla sew ta' l-użu ta' l-ilsien u s-sintassi.

Il-kronoloġija ta' ġrajja li ħalliet effett qawwi fuq l-istorja ta' l-umanita` tiġi rrakkuntata lilna fi stil sempliċi, imma fl-istess waqt bilkemm ma taħsibx li qed tisma' l-istorja għall-ewwel darba daqskemm hu oriġinali l-mod kif jippreżentaha Vella! Kull strofa donnha maħsuba biex titfa' dawl fuq persuna jew waqt importanti fl-istorja tat-Tħabbira, storja li nafuha imma hi dejjem ġdida, daqskemm dejjem ġdida hi l-Inkarnazzjoni. Imma fl-istess ħin hemm kontinwazzjoni minn strofa għal oħra.

Nidħlu fid-dar ta' Nazareth u naħbtu l-ewwel ma' Marija. L-awtur jaraha timmedita s-Salmi fil-ġabra. Kull Lhudi u Lhudija kien jaf sew l-Iskrittura, l-aktar dawk l-innijiet sbieħ fil-ktieb tas-Salmi. Marija wkoll, anzi b'mod speċjali hi bħala waħda mill-*"anawim"* ta' Israel, kibret fl-imħabba tal-Kelma ta' Alla, għamlitha tagħha u "kienet taħseb fuqha" (ara Lq 2:51), anki waqt ix-xogħol tagħha fid-dar.

Imbagħad, l-awtur, bħal donnu qed jieħu filmat tad-dar, imexxina għal kamra oħra fejn jinsab Ġużeppi, hu wkoll mehdi f'ħidmietu ta' mastrudaxxa "jistudja", kelma li donnha tistona f'dan l-ambjent ta' xogħol, imma fiha sens fil-mod kif iqiegħdha l-awtur. Għalkemm hu differenti minn dak li naraw lil Marija tagħmel fl-ewwel strofa, tinħass l-arja tal-qdusija. Anki bix-xogħol ta' Ġużeppi qed titwettaq il-fidwa. Din hi wara kollox l-idea Kristjana tax-xogħol.

Fl-istess waqt l-awtur idawwar ħarstu fuq ħidma oħra li għaddejja fl-istess ħin, din id-darba fil-pjan tal-Missier tas-sema, li f'imħabbtu wasal biex iwettaq dak li l-poplu kien ilu jistenna bil-ħerqa għal tant snin. Il-wasla tal-Messija issa hi fil-qrib. L-impressjoni li nieħdu iktar ma nidħlu 'l ġewwa fil-poeżija hi li kulħadd għaddej fuq xi ħidma importanti f'dan il-pjan ta' fidwa.

U saflaħħar fir-raba' strofa, dik l-arja ta' stennija li tinħass fl-ewwel strofi timtela bl-inżul ta' Gabrijel għand Marija. Minn hawn, ma jibqgħux iżjed it-tliet ġrajjiet ta' l-ewwel tliet strofi - Marija, Ġużeppi u Alla l-Missier - imma ssir ġrajja waħda u kbira, li l-awtur ifissirha bi kliem ċar u diretta ma' l-"iva" ta' Marija, "il-bniedem infeda". Dan mingħajr ma jħalli barra l-konfużjoni li ħasset Marija f'dak il-ħin; imma

hi kienet ubbidjenti. U hekk jibda l-proċess ta' l-Inkarnazzjoni, li l-poeta jelenka l-effetti tiegħu b'mod sabiħ ħafna meta jgħid li b'hekk il-bniedem kiseb "il-maħfra, it-tama". Għax tassew li din l-aħbar ġdida kienet waħda ta' tama: li waslet il-maħfra għall-midneb, permezz ta' Kristu.

Sabiħ u interessanti l-mod kif itemm il-poeżija tiegħu Horatio Vella. Hu jgħaqqad flimkien il-persunaġġi kollha, b'analoġija mill-isbaħ li biha jfisser il messaġġ tal poeżija, huwa u jilgħab bil-kelmiet "jgħaqqad" u "ingħaqad". F'dan il-misteru kbir kulħadd għandu s-sehem tiegħu. Ġużeppi jgħaqqad flimkien il-biċċiet ta' l-għamara f'xogħolu ta' mastrudaxxa, waqt li Marija tgħaqqad ir-rieda tagħha ma' dik ta' Alla bl-"iva" sħiħa li tagħti lil Gabrijel. Dan min-naħa tiegħu wkoll, hekk kif temm il-missjoni li għaliha ntbagħat fid-dar qaddisa ta' Nazareth, jerġa' lura biex jingħaqad mal-"kotra tas-sema", l-anġli u l-qaddisin.

Wieħed ma jistax jagħti interpretazzjoni magħluqa tal-ħsieb tal-poeta, meta jara r-rikkezza ta' l-istil u l-ħsieb ta' din il-poeżija, li l-awtur għażel li jsemmi *Ħidma, ħsieb u għaqda fil-Lunzjata*, biex jindika kif it-Tħabbira tal-Mulej isseħħ f'dar fejn il-ħidma ta' Ġużeppi u l-ħsieb ta' Marija huma magħquda ħaġa waħda biex jilqgħu bħala tagħhom il-pjan li Alla ħaseb u sa jibda jaħdem. Insemmi dettall wieħed: l-użu ta' verbi simili li jitqiegħdu wara xulxin biex jindikaw proċess fil-profondita` tal-ħsieb - Marija qed "taħseb, timmedita"; Ġużeppi qed "jisserra, jinċana, isammar"; Alla qed "joħloq, jikkrea". Dan narawh ukoll fi bnadi oħra tal-poeżija, bħal fil-kliem li bih jispjega kif "fil-ħniena, fil-pjan u fl-imħabba" tiegħu, Alla "waħdieni, setgħani" joħloq il-bniedem mifdi, billi jibgħat lil Ibnu permezz ta' Marija.

Hemm ħsieb qawwi li wieħed jista' jieħu minn din il-poeżija ta' Horatio C.R. Vella. Ma nħalluhx jaħarbilna! ●

## Ħidma, ħsieb u għaqda fil-Lunzjata

Marija, fil-ħemda ta' kmajra,
bil-kitba tas-Salmi fi jdejha,
taħseb, timmedita
fis-skiet u l-ġabra.

Ġużeppi jqatta' njama,
jisserra, jinċana, isammar,
mehdi jistudja kien
fil-ħidma fejjieda.

Fil-ħniena, fil-pjan u fl-imħabba
ta' Alla waħdieni, setgħani,
joħloq, jikkrea Hu
il-bniedem il-mifdi.

Deher l-anġlu ta' Alla fir-raħal
ta' Nazareth, mimli bid-dija;
Gabrijel sellem lil
Marija Santissma

b'messaġġ li Marija, mifxula,
għalkemm ma fehmitx li qalilha,
xorta hi "iva" tat:
il-bniedem infeda.

U Alla sar bniedem u għammar
f'ġuf ommna Marija Santissma;
kiseb il-bniedem kien
il-maħfra, it-tama.

Ġużeppi l-għamara jgħaqqad,
Marija r-rieda ta' Alla,
Gabrijel ingħaqad ma'
il-kotra tas-sema.

Horatio C.R. Vella

---

*Hija xewqa tal-Bord Editorjali li f'din ir-rokna jiġu ppubblikati* **Poeżiji Marjani** *miktuba minn poeti kontemporanji Maltin u Għawdxin. Dawk kollha li jixtiequ li l-poeżija tagħhom tidher f'din ir-rivista huma mitluba li jibagħtu l-poeżija tagħhom flimkien ma' nota żgħira dwar l-awtur f'dan l-indirizz:* **Editur Rivista Madonna Ta' Pinu Paġna Letterarja, Santwarju Ta' Pinu, Għarb, Għawdex** *jew permezz ta' e-mail:* **theeditor@tapinu.org**

# Grazzi, Madonna għax Smajtni

*miġbura minn*
*Edward Depasquale*



## Ottubru - Diċembru 2006

**Għawdex:** Aquilina Stella, Attard Ġużeppa, Attard George, Attard Phyllis, Axiaq Charlie, Axiaq Rita, Azzopardi John Paul, Azzopardi Karmnu, Azzopardi Rosalie, Bajjada Paul, Barham Carmen, Borg Ġorġ, Borg Irene, Borg Olympia, Borg Ġużepp (Mons), Bugeja Jacquelene, Buttigieg Carmen, Buttigieg Helen, Buttigieg Marija, Buttigieg Maureen, Buttigieg Victor, Camilleri Gerita, Camilleri Grace, Camilleri Joe, Camilleri Mary Anne, Camilleri Pietru, Camilleri Rita, Cardona Marija, Caruana Moses, Cauchi Eugenio, Cauchi Francesco, Cauchi Sean, Cefai Tarcisio, Cini Michael, Curmi Ġorġina, Cutajar Carmel, Debrincat Francis, Debrincat Maria, Farrugia Angela, Farrugia Ann, Farrugia Familja, Galea Devina, Galea Familja, Gauci Rodian, Gauci Rodianne, Grech Ann, Grech Carmela, Grech Rose, Grech Salvina, Grima Angel, Grima Manwel, Grima Teddy, Le Prevost Annabelle, Mercieca Jane, Mercieca Jane, Mercieca Joe, Micallef Mary Anne, Mintoff Marija, Muscat Ġuża, Muscat Anthony, Muscat Carmela, Muscat Esther, Muscat Frans, Muscat Koronata, Muscat Marija, Muscat Mario, Muscat Miriam, Pace Mario, Pace Mary, Pisani M'Ġovanna, Portelli Ivan, Portelli Joyce, Portelli Marija, Portelli Michael, Portelli Roselyn, Rapa Rose, Said Connie, Said Coronata, Said Josephine, Said Maria Assunta, Saliba Lucy, Sammut Maryanne, Scicluna Carmen, Spiteri Carmen, Spiteri Joe, Spiteri Karmenu, Spiteri Rose, Sultana Ċikku, Sultana Ann, Sultana Emanuel, Sultana Frances, Sultana John, Sultana Joyce, Sultana Manwel, Sultana Maria, Tabone Joe, Tabone Rita, Tewma Peter, Vella Anġela, Vella Margaret, Vella Mary, Vella Vincensa, Xerri Angie, Xerri Carmen, Xerri Mary Jane, Xerri Patist, Xuereb John, Xuereb Joyce, Xuereb Marcella, Xuereb Mary Rose, Zammit George, Zammit Speranza.

**Malta:** Abela Amanda, Aquilina Victor, Attard Allister, Attard Helen, Attard Joseph, Attard Karmnu, Attard Nazzareno, Axisa Rita, Bajjada Anthony, Bartolo Angela, Bezzina Ġuża, Bonanno Joseph, Bonello Veronica, Bonnet Robert, Bonnici Paul, Bonnici Rosanna, Borg Ġuża, Borg Analise, Borg Catherine, Borg Rita, Borg Sonia, Borg Cumbo Josephine, Briffa Andrew, Brincat Salvina, Burgess Dolores, Butler Salvina, Camilleri Audrey, Camilleri Joe, Camilleri Julian, Camilleri Owen, Camilleri Tereża, Caruana Charmaine, Cassar Louis, Cauchi Anġlu, Cauchi Carmelo, Cauchi Chantelle, Cauchi Rodianne, Chetcuti Pauline, Chircop Lina, Cilia Pierre, Delmar Saviour, Demicoli Carmen, Ellul Rita, Falzon Edward, Falzon Jane, Falzon Ronnie, Farrugia A., Farrugia Mario, Farrugia Paul, Formosa Emma, Frendo Ġuża. Galea John, Galea Paul, Galea Rita, Gatt Bernardette, Gauci Ġamri, Gauci Josephine, Gauci Tania, Grech Lonza, Grima Doris, Grima Tessie, Grixti Marija, Inguanez John, Mamo Marie, Mangion Joseph, Mercieca Carmena, Mercieca Karmena, Micallef Adelaide, Micallef Louis, Micallef Marika, Micallef Renato, Mifsud Ġorġina, Mifsud Joseph, Mifsud Kirsten, Mifsud Mary, Mifsud Sonia, Muscat Francis, Muscat Monica, Nobbs Familja, Pace Adriana, Pace Mario, Parnis Cathy, Pillow Lilian, Saliba C.J., Saliba Familja, Sammut Mary, Schembri Anthony, Schembri Lorna, Schembri Nażżarena, Sciberras Patrick, Scicluna Ann, Scott S.C., Spiteri Carmen, St. Joseph School, Sultana Maria, Sultana Phyllis, Tanti Charles, Tanti Mario, Joe & Thomas, Tonna Antoinette, Vassallo Darryl, Vassallo Joe, Vella Charmaine, Vella Noel, Vella Randall, Vella Rose, Warrington Marcelline, Woodhouse Felice, Xuereb Marika, Xuereb Mary, Zammit Familja, Zammit Stephania, Zammit Tessie, Zammit Victor, Marija Carmela.

**Amerika:** Bartolo Family, Camilleri Anthony, Formosa Kelina, Gatt Maria, Grech Sylvia, Grima Charlotte & Salvu, Mifsud Jennifer, Moira, Muscat Joe & Grace, Vella Familja.

**Awstralja:** Attard Joe, Bigeni Pawlu & Karmena, Cassar Lean, Cini Catherine, Formosa Maria Assunta, Grech Klementa, Grima Jane, June Ann, Magro Joyce, Magro Justin, Mercieca Antonia, Mercieca Carmen, Sciberras Joanne, Sultana Marija, Sultana Mary, Vassallo Paul & Carmen, Zammit Josephine, Zammit Mr. & Mrs.

**Ewropa:** Azzopardi Marija, Chapman Sandra, Fisher Familja, Glynn Mary, Grima Phillippa, Hadson Familja, James Theresa, Mercieca Familja, Thomp Ms., Triccas Family, Vella Shirley, Xerri Louis.




*miġbura minn Edward Depasquale*

**Ottubru - Diċembru 2006**

**Għawdex:** Agius Albert Laurant, Agius Loredana. Attard Daniel, Attard Jacob, Attard Jake, Attard Luke, Azzopardi Andrew, Azzopardi Christopher, Azzopardi Nicholas, Cassar Ryan, Grima Monique, Mercieca Yanica, Micallef Lara, Micallef Leah, Micallef Luca, Mifsud Amy, Mifsud Isabel-Ann, Portelli Nicole', Sammut Gerald, Sammut Katrina, Vella Matthew, Vella Paul, Vella Stephanie, Xerri Abiane, Xerri Moses Michael, Zammit Joshua.

**Malta:** Abela Isaac, Abela Jacob, Agius Haroldine, Agius Marija, Agius Michela, Aquilina Kurt, Aquilina Natasha, Aquilina Nathan, Attard Christian, Attard Jake, Axisa Melanie, Axisa Nikolai, Azzopardi Andrew, Azzopardi Sharon, Barnett Thomas, Bartolo Andrea Luca, Bartolo Miguel Juan, Bezzina Jennifer, Bezzina Kayden, Bezzina Sara Jane Borg Jean Paul, Bugeja Christian, Bugeja Eric, Bugeja Jack, Bugeja Manwel, Bugeja Miguel, Bugeja Neil, Bugeja Nicole, Bugeja Ruth, Bunce Nigel, Busuttil Daniel, Busuttil Matthew Cachia Karl, Camilleri Anita, Camilleri Annalise, Camilleri Anthony, Camilleri Claudienne, Camilleri Daniela, Camilleri Elisa, Camilleri Isaac, Camilleri Luke, Camilleri Maya, Camilleri Nicholai, Camilleri Nicholas, Camilleri Reno, Cardona Jean Carl, Cardona Manwel, Cardona Matthias, Cardona Mikhail, Cardona Zack, Caruana Andre, Caruana Christian, Caruana Demi, Caruana Nigel, Caruana Noel, Cassar Kirsty, Cauchi Lea, Cini Julian, Cini Stephen, Curmi Cassar Jael, Cuschieri Elisa Kim, Cutajar Damian, Cutajar Gareth, Cutajar Stefan, Debattista John, Debattista Peter Debono Kylie, Deguara Anthea, Deguara Rachelle. Delia John Paul, Dimech Elisa, Dimech Shazy, Dimech Zaac, Farrugia Deacon, Farrugia Rayden, Fenech Donna, Fenech Juan, Fenech Kiera, Fenech Kristian, Fenech Kyle, Fenech Mattea, Forace Emma, Formosa Kieren, Gafa Melchior, Gilson Jaime, Gilson Jeanluke, Giudice Rebecca, Grech Erica, Grech Martina, Grima Morgan, Lia Gabriel, Lia Marie, Lia Matthew, Louis Benjamin, Mamo Samuel, Manisculo Laura, Manisculo Luisa, Mazzara Elena, Mazzara Fabiana, Micallef Gordie, Micallef Kresten, Midolo Kark, Mifsud Aidan, Mifsud Elaine, Mifsud Erika, Mifsud Jake, Mifsud Luke, Montanaro Christian, Montebello Kaime, Muscat Daniel, Muscat Krista, Muscat Thea, Pace Caithlyn, Pace Davide, Pace Gabriel, Pace Jordan, Pace Tiffany, Pace Zveha, Portelli Aiden, Portelli Corinne, Portelli Daniel, Portelli Ian, Privitera Nina, Roxon Casey, Russello Kyle, Sammut Benjamin, Sammut Wayne, Sammut Yasmin, Sciberras Gioli Matteo, Scicluna Kiera, Spiteri Jake, Spiteri Miguel, Tabone Britney, Tabone Denzel, Tabone Lyla, Tabone Matthew, Tagliaferro David, Tonna Maya Ann, Vassallo Cesca, Vela Owen. Vella Anshel, Vella Chantelle, Vella Christian, Vella Emma, Vella Liam, Vella Mark, Vella Mikaela, Vella Nathan, Vella Nicole, Vella Sheldon, Vella Shirley, Xerri Rebecca, Xuereb Emma, Xuereb Luke, Zahra Waylen, Zammit Christian, Zammit Decon, Zammit Marshasl, Zammit Michael.

**Amerika:** Saliba Jeremy.

**Awstralja:** Bonavia Jarrad.

**Ewropa:** Lansonneur Elliott, Nash Hugh Ambrose.

# SANTWARJU MADONNA TA' PINU



# VIA SAGRA

## Djoċesana

*fuq l-Għolja*
*ta' Għammar*

Imexxi l-Isqof
ta' Għawdex
Mons. Mario Grech

**Il-Ħadd 1 ta' April 2007, 7.00 p.m.**

# IS-SIEGĦA TA' L-OMM

*Ċelebrazzjoni Marjana*

Imexxi l-Isqof ta' Għawdex
Mons. Mario Grech



**Is-Sibt,**
**7 ta' April 2007,**
**9.00 a.m.**







NEWSPAPER POST